# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

## Seduta ta' nhar il-Ħamis, 17 ta' Ottubru, 2024

**Numru 1**
**Rikors Numru 462/2012 TA**

**Nutar Maria Carmela siva Marica Buttigieg Sciberras (I.D. 10163 (M)) u Noel Joseph Sciberras (I.D. 361168 (M))**

**vs**

**Nutar Maria Rosa sive Rosella Sciberras (I.D. 742960 (M))**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat tar-rikorrenti ppreżentat fid-9 ta' Mejju 2012 li permezz tiegħu ppremettew u talbu s-segwenti:-

*"Jesponu reverentement u bil-ġurament tagħhom jikkonfermaw is-segwenti li jafu personalment: -*

1) *Illi fid-29 ta' Diċembru 2003 miet in-Nutar Dottor Giuseppe sive Joseph Sciberras (**Dok. MBS1**) u fid-19 ta' Lulju 2011 mietet martu Rosanna (**Dok. MBS1**), missier u omm il-kontendenti rispettivament;*

2) *Illi s-suċċessjoni tad-defunt Nutar Joseph Sciberras hija regolata b'testment "unica charta" tal-14 ta' April 2000 in atti tan-Nutar Dottor Joseph Henry Saydon, filwaqt illi s-suċċessjoni tad-defunta Rosanna Sciberras hija regolata bl-istess testment unica charta" u b'żewġ testmenti addizzjonali tat-23 ta' Ottubru 2004 in atti tan-Nutar Dottor Carmelo Gafa u tal-11 ta' April*

*2011 in atti tan-Nutar Dottor William Azzopardi, u dan kif jirriżulta mir-riċerki testamentarji hawn annessi u mmarkati bħala* ***Dok. MBS3, Dok. MBS4, Dok. MBS5*** *u* ***Dok. MBS6****.*

3) *Illi bit-testment "unica charta" tal-14 ta' April 2000 in atti tan-Nutar Dottor Joseph Henry Saydon (****Dok. MBS7****), l-imsemmija defunti in-Nutar Joseph u martu Rosanna Sciberras iddisponew mill-ġid tagħhom għal wara mewthom billi, oltre il-laxxiti ta' diversi prelegati lis-singoli uliedhom, innominaw lil-kontendenti f'isħma ndaqs bejniethom bħala eredi universali, proprjetarji u padruni assoluti tal-beni tagħhom;*

4) *Illi b'testment tat-23 ta' Ottubru 2004 in atti tan-Nutar Dottor Carmelo Gafa (****Dok. MBS8****), l-imsemmija defunta Rosanna Sciberras, kif hekk setgħet tagħmel skond il-fakolta' konċessa lilha bħala superstiti bit-testment "unica charta", ħalliet prelegat lil-konvenuta tad-dar matrimonjali bl-isem "Mater Alba" kantuniera ma' Triq San Mikiel, Fgura, flimkien mal-garaxx sottostanti l-istess dar, u dan wara li ddikjarat li hija taf li dawn il-fondi kienu jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti bejnha u l-premort żewġha;*

5) *Illi b'testment aġġuntiv tal-11 ta' April 2011 in atti tan-Nutar Dottor William Azzopardi (****Dok. MBS9****), l-istess decujus Rosanna Sciberras ħalliet bi prelegat in pjena proprjeta' lill-konvenuta il-mezzanin sovrappost numru mitejn u tnejn u tletin (232), Triq is-Salini, Marsascala, kompriz l-arja tiegħu, u l-garaxx sottopost għall-istess mezzanin bin-numru mitejn u erbgħa u tletin (234), Triq is-Salini, Marsascala;*

6) *Illi b'żewġ dikjarazzjonijiet separati, intavolati rispettivament fl-14 ta' Marzu 2012 u fis-27 ta' April 2012 (****Dok. MBS 10*** *u* ***Dok. MBS11****), l-atturi irrinunzjaw għall-wirt ta' ommhom, b'dan li żammew ferm id-dritt li jikkonsegwixxu s-sehem riservat dovut lilhom skond il-liġi mill-istess ġid tagħha;*

7) *Illi l-atturi jridu li l-assi tal-missier li hemm in komuni bejn il-kontendenti jinqasmu fi tliet porzjonijiet u li tiġi assenjata lil kull waħda u wieħed minnhom porzon mill-beni ereditarji tal-missier skond il-kwoti spettanti lilhom skond il-liġi;*

8) *Illi barra minn hekk l-istess atturi jridu li jiġi mħallas lilhom is-sehem riżervat lilhom spettanti mill-assi ereditarji ta' l-omm;*

9) *Illi l-konvenuta qed tirrifjuta li tilħaq qbil dwar il-likwidazzjoni u diviżjoni ta' l-assi ereditarji tal-missier u qed tirrifjuta li tħallas is-sehem riservat mill-assi komponenti l-ġid ta' l-omm;*

10) *Illi għalhekk kellha ssir dina l-kawża.*

*Tgħid għalhekk l-istess konvenuta il-għaliex, għar-raġunijiet premessi, m'għandiex dina l-Qorti:*

*(1) Tillikwida l-assi ereditarji ta' l-imsemmija Nutar Dottor Joseph u Rosanna konjuġi Sciberras, inkluża l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejniethom, u tinnomina, okkorrendo, periti ġudizzjarji għall-istimi relattivi;*

*(2) Timmetti lill-atturi fil-pussess tal-prelegati lilhom laxxjati bit-testment "unica charta" tal-14 ta' April 2000 in antti tan-Nutar Dottor Joseph Henry Saydon;*

*(3) Taqsam l-assi tal-missier li hemm in komun bejn il-kontendenti fi tliet (3) porzjonijiet skond il-kwoti spettanti lill-kontendenti skond il-liġi u tassenja dawn il-porzjonijiet lill-kontendenti;*

*(4) Tinnomina Nutar Pubbliku għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt relattiv;*

*(5) Tinnomina kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċi fuq il-kuntratt relattiv;*

*(6) Jekk ikun il-każ, tordna l-bejgħ b'liċitazzjoni ta' dawk il-beni ta' missier il-kontendenti li mhumiex komodament diviżibbli, bl-ammissjoni ta' offerenti estranei taħt dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni, u li r-rikavat jinqasam bejn il-kontendenti fis-sehem rispettiv tagħhom;*

*(7) Tillikwida s-sehem riservat spettanti lil kull waħda u wieħed mill-atturi mill-assi ereditarji ta' omm il-kontendenti Rosanna Sciberras;*

*(8) Tikkundanna lill-konvenuta sabiex tħallas li kull waħda u wieħed mill-atturi is-sehem riżervat hekk likwidat;*

*Bl-imgħax legali skond l-artikolu 615 (2) tal-Kodiċi Ċivili fuq is-sehem riżervat dovut lill-atturi u bl-ispejjes, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-14 ta' Marzu 2012 (**Dok. MBS 12**), kontra l-konvenuta nġunta minn issa għas-subizzjoni."*

Rat ir-risposta ġuramentata tal-intimata Maria Rosa sive Rosella Sciberras datata 6 ta' Ġunju 2012 u li eċċeppiet is-segwenti:

*"1. Illi preliminarjament l-eċċipjent m'għandha ebda oġġezzjoni għal-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ġja eżistenti bejn il-mejtin mibkija ġenituri tal-partijiet kontendenti fil-kawża u ċioe n-Nutar Dottor Joseph u Rosanna, konjuġi Sciberras u dan wara li jitnaqqsu kwalsiasi spejjeż, dejn jew passiv gravanti l-istess komunjoni inkluż serviġi resi;*

*2. Illi preliminarjament l-eċċipjent m'għandha ebda oġġezzjoni li l-atturi jiġu imessi fil-pussess tal-prelegati lilhom laxxjati bit-testment "unica charta" tal-14 ta' April 2000 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Henry Saydon;*

*3. Illi subordinament u bla preġudizzju għal dak eċċepit għar-rigward it-talba 3, 4, 5 u 6 limitament fuq beni immobiljari partikolari, formanti parti mill-assi ereditarji tal-mejtin mibkija ġenituri tal-kontendenti speċifikament il-fond dar ġia matrimonjali numru 248 bl-isem Mater Alba, Triq il-Liedna Raħal Ġdid hemm tgawdija ta' dritt ta' abitazzjoni favur l-eċċipjent u dan skond l-att pubbliku tal-14 ta' April 2000 fl-atti tan-Nutar Dottor Henry Saydon u kwindi għar-raġunijiet suesposti kwalsiasi pretensjoni ta' qasma u assenjazzjoni mitluba mill-atturi f'dan ir-rigward hi infondata fil-fatt u fid-dritt kemm-il darba dan jilledi d-dritt ta' abitazzjoni tal-eċċipjent;*

*4. Illi għar-rigward is-7 u t-8 talba u ċioe' il-likwidazzjoni u eventwali ħlas tas-sehem riservat spettanti kull waħda u wieħed mill-atturi mill-assi ereditarji ta' omm il-kontendenti Rosanna Sciberras, l-eċċipjent m'għandha ebda oġġezzjoni dwar dan, wara li jitnaqqsu d-djun tal-assi u l-ispejjez tal-funeral u spejjez oħra inkluż serviġi u jinqata' , lil minn jmissu s-sehem rizervat, dak kollu li jkun ħa mit-testatur;*

*5. Illi subordinament u bla preġudizzju fil-fatt l-eċċipjent dejjem ikkoperat mal-atturi sabiex jersqu għall-imsemmija likwidazzjoni bonarja tant li ġiet skambjata korrispondenza u attendiet laqgħat għal dan il-għan, pero' l-atturi, mingħajr ebda*

*raġuni valida fil-liġi, l-atturi ma kellhomx bona volonta' li ssir il-likwidazzjoni bonarja billi l-ewwel talbu li jingħataw assi bħala eredita' bil-bosta aktar minn dak li kienu fil-fatt wirtu mingħand ommhom u missierhom u minkejja dak li bdew jitolbu, wara, ippreżentaw in-nota ta' rinunzja ta' wirt tal-mejta mibkija ommhom. Illi dan kollu sar biss biex, ta' bilfors, jibdew proċeduri ġudizzjarji bi spejjez li setgħu jkunu evitati. B'hekk l-atturi għandhom ibatu l-ispejjez ta' dawn il-proċeduri peress li l-konvenuta ġia bonarjament iddikjarat li hi kienet lesta tersaq għal-likwidazzjoni dovuta skond il-liġi mingħajr ħtieġa ta' proċeduri. Kienu l-konventi li l-ewwel għamlu talba biex jidderogaw mit-testment ħalli jirċievu aktar mill-wirt tal-mejta mibkija ommhom, irrinunzjaw għall-wirt tagħha u wara ppresentaw din il-kawża;*

*6. Illi għar-rigward it-talba tal-imgħax ai termini tal-artikolu 615(2) jingħad li qat ma saret talba għas-sehem riservat u dan kif ser jiġi pprovat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mil-liġi."*

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Rat l-assenjazzjoni ta' dmirijiet lill-Imħallfin ai termini tal-artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta fejn din il-kawża odjerna ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta fis-6 ta' Ġunju 2018 (a fol. 447);

Qrat ix-xhieda fil-kawża.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-7 ta' Mejju 2024 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**<u>Punti ta' fatt</u>**

Huwa fatt mhux kontestat bejn il-kontendenti li huma kollha aħwa u wlied id-defunti n-Nutar Giuseppe *sive* Joseph Sciberras (I.D. 739239 (M) u Rosanna Sciberras

(I.D. 413930 (M).

Lanqas ma huwa fatt kontestat li d-defunti ġenituri, għamlu tliet testmenti sabiex jirregolaw il-proprjeta' tagħhom għal wara mewthom. Dawn huma s-segwenti:

1. Testment *unica charta* datat 14 ta' April 2000 fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Henry Saydon (a fol. 18 sa 22)
2. Testmenti addizzjonali li Rosanna Sciberras għamlet waħedha wara l-mewt ta' żewġha, li huma s-segwenti:
    a. Wieħed datat 23 ta' Ottubru 2004 fl-atti tan-Nutar Dr. Carmelo Gafa' (a fol. 23) u
    b. U ieħor datat 11 ta' April 2011 fl-atti tan-Nutar Dr. William Azzopardi (a fol. 24).

Dawn it-tliet testmenti kienu kollha insinwati:

1. l-ewwel testment kien insinwat bin-numri 5389/2000 u 6681/2000 (a fol. 10 u 11) u f'liema rigward hemm anke nota għaliex hemm żewġ numri tal-insinwa għall-istess testment,
2. it-tieni testment iġib in-numru 18093/2004 (a fol. 16) u
3. it-tielet testment iġib in-numru 6101/2011 (a fol. 17).

Ħadd mill-partijiet qatt ikkontesta l-validita' ta' dawn it-testmenti.

Lanqas ma hu kontestat il-kontenut ta' kull testment. In suċċinċt dawn it-testmenti jipprovdu s-segwenti:

1. Testment *unica charta* tal-ġenituri jipprovdi:
    a. Illi l-ġenituri qed iħassru, jirrevokaw u jannullaw kull testment li sar qabel;
    b. Illi l-ġenituri bejniethom żammew id-dritt tal-użu u l-użufrutt tal-assi

ereditarji tagħhom reċiproku u bl-eżenzjoni reċiproka mill-obbligu tal-formazzjoni tal-inventarju;

c. It-testaturi eżentaw lil uliedhom kollha mill-obbligu li jikkonferixxu fil-massa ereditarja u li jimputaw għal sehmhom fid-diviżjoni u likwidazzjoni tal-assi ereditarju tagħhom dak kollu li dawn l-istess uliedhom ikunu ħadu mingħandhom bi kwalunkwe titolu u kawża jew għal kwalsiasi raġuni;

d. It-testaturi provdew għal diversi prelegati a favur tal-aħwa;

e. Ħallew b'titolu ta' legat lil xulxin il-fond bil-garaxx ta' taħtu li qegħdin Marsascala, Triq is-Salini, bl-isem ta' Saint Joseph u d-depożiti kollha u *shares* li jkun hemm f'isimhom jew f'isem wieħed minnhom dakinhar tal-mewt tal-ewwel wieħed fosthom;

f. Ħallew lill-kontendenti kollha l-eredi universali, proprjetarji u padruni assoluti tal-ġid tagħhom kollu li kellhom u li seta' jkollhom għal wara mewthom f'sehem indaqs bejniethom, bis-sostituzzjoni volgari għar-rispettivi ulied, u dixxendenti ulterjuri ta' dawn l-istess eredi fil-każ ta' premorjenza ta' xi ħadd minnhom għal kontestaturi u in mankanza ta' ulied u dixxendenti bid-dritt tal-akkrexximent bejniethom.

2. It-testment ta' Rosanna Sciberras tat-23 ta' Ottubru 2004 jipprovdi għal-laxxitu b'titolu ta' prelegat lill-konvenuta Rosella Sciberras, konsistenti fid-dar li qiegħda l-Fgura/Raħal Ġdid, Triq il-Liedna, numru mitejn u erbgħin (248) bl-isem Mater Alba filwaqt li kkonfermat it-testment *unica charta* fir-rigward tal-klawsoli kollha li m'humiex f'kunflitt ma' din il-modifika;

3. Testment ta' Rosanna Sciberras tal-11 ta' April 2011 illi jipprovdi għal-laxxitu b'titolu ta' prelegat lill-konvenuta Rosella Sciberras, konsistenti fil-mezzanin sopran bl-arja tiegħu numru mitejn u tnejn u tletin (232) u l-garaxx sottopost għall-istess mezzanin numru mitejn u erbgħa u tletin (234), Triq is-Salini, Marsascala filwaqt li kkonfermat it-testment *unica charta* fir-rigward tal-klawsoli kollha li m'humiex f'kunflitt ma' din il-modifika.

Huwa wkoll fatt mhux kontestat li l-Atturi rrinunzjaw għall-wirt ta' ommhom, Rosanna Sciberras (a fol. 25 sa 28). Din saret ai termini tal-Artikoli 860 u 861 tal-Kodiċi Ċivili. B'dan illi żammew ferm id-dritt tagħhom tas-sehem riżervat ġja leġittima. L-Atturi qatt ma rrinunzjaw għall-wirt tal-missier u ċioe' tan-Nutar Giuseppe *sive* Joseph Sciberras.

<u>**Punti ta' kontestazzjoni u kunsiderazzjonijiet**</u>

Il-punti ta' kontestazzjoni bejn il-partijiet huma l-mod ta' kif għandhom jinqasmu l-assi ereditarji bejn il-kontendenti inkluż il-ħlas tas-sehem riżervat.

Għalhekk din il-Qorti ser tgħaddi sabiex l-ewwel tiddeċiedi fuq il-likwidazzjoni tal-assi tad-defunti ġenituri sabiex wara tiddeċiedi dwar il-prelegati u wara tikkonsidra s-sehem riżervat tar-rikorrenti.

1. **Likwidazzjoni tal-assi ereditarji tad-defunti ġenituri nkluża l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejniethom sad-data tal-mewt rispettiva.**

Għalkemm il-partijiet qablu fuq it-talba għall-likwidazzjoni, fid-dawl tal-attrit bejn il-partijiet din il-Qorti xorta waħda kellha biċċa xogħol estensiva sabiex tiddeterminaha.

Il-Qorti tifhem li peress li llum l-parti riservata skond il-liġi hija kreditu l-likwidazzjoni

tal-assi tfisser li trid ukoll tipprovdi għall-konverżjoni fi flus kontanti. Għalhekk jiġi osservat is-segwenti:

1. Li l-Atturi rrinunzjaw għall-wirt tal-omm iżda mhux tal-missier filwaqt li żammew ferm id-dritt tas-sehem riżervat kif diġa' rilevat aktar 'l fuq. Għaldaqstant, fiċ-ċirkostanzi l-likwidazzjoni tal-proprjeta' tal-omm hija pjuttost aktar partikluari minn dik tal-missier.
2. L-Atturi qed jitolbu wkoll il-bejgħ b'liċitazzjoni tal-proprjeta' li ma tkunx komodament diviżibbli.

Din il-Qorti ser tkun qed tikkonsidra t-talbiet fis-segwenti ordni:

1. Lista tal-proprjeta' immobbli tal-ġenituri rispettivi;
2. Valur tal-proprjeta' immobbli;
3. Lista tal-proprjeta' mobbli tal-omm;
4. Valur tal-proprjeta' mobbli.

❖ **Lista ta' proprjeta' immobbli tal-ġenituri.**

Skond in-nota ppreżentata mir-rikorrenti fit-2 ta' Awwissu 2012 (a fol. 47 u 48), il-proprjeta' li kienet tappartjeni lill-ġenituri huma s-segwenti:

**a. Proprjeta' formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti:**

i. Id-dar Mater Alba, 248, Liedna Street, Fgura flimkien mal-garaxx taħt l-istess dar bin-numru 2, Triq San Mikiel, Fgura,

ii. Il-mezzanin Ave Maria, Hompesch Road, Fgura,

iii. Id-dar 18/19, Triq San Pawl, Cospicua,

iv. Il-mezzanin u l-garaxx 232 u 234, Triq is-Salini, Marsascala,

v. Żewġ plots (46 u 47) formanti parti mill-għalqa tan-Nadur, fi Triq il-Qaliet, Marsascala,

vi. Subdirett dominju annwu u perpetwu u subċens annwu u perpetwu relattiv ta' Eur 186.35 (LM 80.00) impost fuq 252/2, Liedna Street, Fgura,

vii. Subdirett dominju annwu u perpetwu u subċens annwu u perpetwu relattiv ta' Eur 186.35 (LM 80.00) impost fuq 252/1, Liedna Street, Fgura,

viii. Subdirett dominju annwu u perpetwu u subċens annwu u perpetwu relattiv ta' Eur 186.35 (LM 80.00) impost fuq 250, Liedna Street, Fgura.

**b. Proprjeta' parafernali tad-defunta Sciberras:**

i. Qabar fiċ-ċimiterju Santa Marija Addolorata, Raħal Ġdid

**c. Proprjeta' parafernali tad-defunt Nutar Joseph Sciberras:**

i. It-tliet imħażen, 146B, 146C u 146D, Cross Road, Marsa,

ii. Is-subdirett dominju annwu u perpetwu u subċens annwu u perpetwu relattiv ta' Eur 186.35 (LM 80.00) impost fuq it-terran bl-isem ta' Charles, Parades Street, San Pawl il-Baħar,

iii. Is-subdirett dominju annwu u perpetwu u subċens annwu u perpetwu relattiv ta' Eur 186.35 (LM 80.00) impost fuq it-terran bl-isem ta' Mater Alba, numru 96, Parades Street, San Pawl il-Baħar,

iv. Il-maħżen 147/148, Cross Road, Marsa,

v. Il-maħżen numru 149, Cross Road, Marsa,

vi. L-imħażen numri 150, 151/152, 153/154, 155/156, 157/158, Cross Road, Marsa,

vii. Il-mezzanin numru 146A, Cross Road, Marsa,

viii. Il-qabar numru 23, diviżjoni punent, sezzjoni LA, kompartiment D, li qiegħed fiċ-Ċimiterju Santa Marija Addolorata, Raħal Ġdid,

ix. In-nofs indiviż tal-qabar numru 22, diviżjoni punent, sezzjoni LA, kompartiment D, li qiegħed fiċ-Ċimiterju Santa Marija Addolorata, Raħal Ġdid,

x. *Acquisition rent* ta' Eur 78.27 (LM 33.60) fuq il-fond 160, Triq il-Pellegrinaġġ, Cospicua.

Il-konvenuta sostniet illi din il-lista hija korretta, iżda jinħtieġ li jkunu nklużi tliet proprjetajiet oħra, u dan skond in-nota tas-7 ta' Novembru 2012 (a fol. 78 sa 87). Dawn huma s-segwenti:

1. Garaxx nofsu msaqqaf bla numru u bla isem f'St. Michael Street flimkien ma' biċċa ġnien magħluq u aċċessibbli biss minn dan l-imsemmi garaxx u żewġ garaxxijiet li jinsabu fejn dan l-istess garaxx illi kienu trasferiti lill-Attriċi Marica Buttiġieġ Sciberras taħt titolu ta' donazzjoni mill-ġenituri tagħha in virtu' ta' donazzjoni datat 18 ta' Novembru 2003 fl-atti tan-Nutar Dr. William Azzopardi (a fol. 80 sa 82 u a fol. 510 sa 516).
2. Appartament numru 1 fl-ewwel sular tal-blokk ta' żewġ appartamenti numru 252, Liedna Street, Fgura bl-isem Morning Star bil-komun u l-arja tal-bejt in komun ma' appartament sovrapost dan ukoll trasferit lill-Attriċi

Marica Buttiġieġ Sciberras b'titolu ta' subenfitewsi perpetwa mill-ġenituri fis-27 ta' Ġunju 1991 fl-atti tan-Nutar Dr. Carmelo Gafa' (a fol. 83 sa 85 u 194 sa 196 u 608 sa 612);

3. Terran bieb għalih numru 250 bl-isem Nid d'Amour, Liedna Street, Fgura fl-ewwel sular tal-blokk ta' żewġ appartamenti numru 252, Liedna Street, Fgura, u liema proprjeta' ġiet trasferita lill-Attur Noel Sciberras b'titolu ta' subenfitewsi perpetwa mill-ġenituri tiegħu fit-23 ta' Ġunju 1992 in virtu' ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Carmelo Gafa' (a' fol. 86 u 87 u 192 u 193).

L-atturi ppreżentaw ir-riċerki (a fol. 90 sa 164). Il-Qorti tosserva li dawn ir-riċerki kienu ordnati fil-25 ta' Ġunju 2012 meta l-*causa mortis* tal-omm kienet għadha ma saritx għaliex kienet għadha kif tmut ftit xhur qabel. Dawn ir-riċerki jirriflettu l-lista hawn fuq imsemmija. Imma minn dawn ir-riċerki jemergi wkoll is-segwenti:

1. Illi l-ġenituri tal-partijiet kienu għamlu testment *unica charta* fit-2 ta' Frar 1989 pero' dan it-testment kien ġie revokat u tħassar mill-istess ġenituri meta għamlu testment *unica charta* ieħor tal-14 ta' April 2000, (a fol 97 u 8 sa 22);
2. Att dikjaratorju *causa mortis* tal-missier (a' fol. 102 sa 109).

L-Atturi ppreżentaw kopja tad-dikjarazzjoni *causa mortis* tal-missier (a' fol. 271 sa 281). Din ukoll tirrifletti l-listi tal-immobbli fuq imsemmija. Fit-18 ta' Ġunju 2019, in-Nutar William Azzopardi preżenta wkoll l-*causa mortis* tal-missier (a fol.498 sa 509). In-Nutar Peter Carbonaro preżenta l-*causa mortis* tal-omm fit-18 ta' Ġunju 2019 minn fejn jirriżulta li l-lista indikata ta' proprjeta', ħlief għall-fatt illi l-proprjeta' li tikkonsisti f'mezzanin u garaxx 232 u 234, Triq is-Salini, Marsascala kienet saret tal-omm fl-intier tagħha wara l-mewt tal-missier peress illi t-testment *unica charta* tas-sena 2000 kien jipprovdi li min jibqa' ħaj mill-ġenituri jkollu l-pjiena dritt assolut tal-

imsemmija proprjeta' iżda mingħajr sehma fil-qabar (a fol. 477 sa 495).

**a) Valur tal-proprjeta' immobbli li kienet tappartjeni lill-ġenituri, b'mod partikolari lill-omm.**

*Stante* li l-Atturi rrinunzjaw għall-wirt tal-omm, Rosanna Sciberras, il-likwidazzjoni ta' dak li kien jappartjeni lilha jrid ikun determinat l-ewwel u qabel kollox. Dan għaliex huwa dan l-ammont jew valur illi ser iwassal lil-Qorti tiddetermina l-valur tas-sehem riżervat ġja' leġittima. It-tieni punt li din il-Qorti ser tiddetermina huwa għalhekk il-valur tal-proprjeta' illi kienet tappartjeni lill-missier.

Fir-rigward tal-likwidazzjoni tal-assi, din il-Qorti tirrileva li d-dikarazzjoni *causa mortis* tal-missier "***Illi l-istess proprjeta' hija soġġetta għall-użufrutt favur mart id-decuius li għandha erba u sebgħin (74) sena u għalhekk il-valur tal-istess proprjeta jonqos b'għaxra fil-mija (10%)***." (a' fol 280). Pero', ġja la darba l-missier miet fis-sena 2000 u din il-kawża ġiet intavolata fis-sena 2012, il-Qorti kellha taħtar diversi periti sabiex jivvalutaw il-proprjeta' immobbiljari. Fil-fatt il-Qorti kellha taħtar anke periti addizzjonali.

**(1) Il-valur tal-proprjeta' immobbli li tappartjeni lill-omm l-aħwa**

**A. Il-valutazzjoni mħejjija mill-Perit Mario Cassar fuq tmien proprjetajiet**

Konsegwentement, din il-Qorti diversement presjeduta ħatret lill-Perit Mario Cassar li ppreżenta r-rapport tiegħu fil-5 ta' Marzu 2015 (a' fol. 301 sa 324. Dawn il-proprjetajiet ġew stmati b'dan il-mod:

**a. Proprjeta' formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti:**

i. Id-dar Mater Alba, 248, Liedna Street, Fgura flimkien mal-garaxx taħt l-istess dar bin-numru 2, Triq San Mikiel, Fgura, il-valur tal-proprjeta'

fl-4 ta' Diċembru 2012, u ċioe' meta sar l-aċċess, kien ta' **Eur 400,000.00**.

ii. Il-mezzanin Ave Maria, Hompesch Road, Fgura. Il-valur tal-proprjeta' fl-1 ta' Ottubru 2012, u ċioe' meta sar l-aċċess, kien ta' **Eur 82,000.00**.

iii. Id-dar 18/19, Triq San Pawl, Cospicua. Il-valur ta' din il-proprjeta' fl-1 ta' Ottubru 2012, u ċioe' meta sar l-aċċess, kien ta' **Eur 25,000.00**.

iv. Il-mezzanin u l-garaxx 232 u 234, Triq is-Salini, Marsascala, il-valur tal-proprjeta' fl-4 ta' Diċembru 2012, meta sar l-aċċess, kien ta' **Eur 115,000.00**.

v. Żewġ plots (46 u 47) formanti parti mill-għalqa tan-Nadur, fi Triq il-Qaliet, Marsaskala, il-valur tal-proprjeta' fl-1 ta' Ottubru 2012, u ċioe' meta sar l-aċċess, kien ta' **Eur 420,000.00**.

vi. Subdirett dominju annwu u perpetwu u subċens annwu u perpetwu relattiv ta' Eur 186.35 (LM 80.00) impost fuq 252/2, Liedna Street, Fgura. Il-valur tal-proprjeta' fl-1 ta' Ottubru 2012, u ċioe' meta sar l-aċċess, kien ta' **Eur 125,000.00**.

vii. Subdirett dominju annwu u perpetwu u subċens annwu u perpetwu relattiv ta' Eur 186.35 (LM 80.00) impost fuq 252/1, Liedna Street, Fgura, bil-valur tal-proprjeta' fl-1 ta' Ottubru 2012, u ċioe' meta sar l-aċċess, kien ta' **Eur 125,000.00**.

viii. Subdirett dominju annwu u perpetwu u subċens annwu u perpetwu relattiv ta' Eur 186.35 (LM 80.00) impost fuq 250, Liedna Street, Fgura, bil-valur tal-proprjeta' fl-1 ta' Ottubru 2012, u ċioe' meta sar l-

aċċess, kien ta' **Eur 135,000.00**.

**B. Il-valutazzjoni mħejjija mill-Perit Eve Deġiorġio**

B'dan illi pero' ir-rikorrenti Attriċi Marica Buttiġieġ Sciberras ippreżentat żewġ rapporti mħejjija mill-Perit ex-parte Eve Deġiorġio fuq żewġ proprjetajiet għaliex ma qablitx ma' dawk stabbiliti mill-Perit Mario Cassar. Dawn il-proprjetajiet huma s-segwenti:

i. Il-mezzanin u l-garaxx 232 u 234, Triq is-Salini, Marsaskala, fejn il-valur tal-proprjeta' fis-sena 2011 kien ta' **Eur 230,000.00** (a fol. 348 sa 352).

ii. Żewġ plots (46 u 47) formanti parti mill-għalqa tan-Nadur, fi Triq il-Qaliet, Marsaskala, fejn il-valur tal-proprjeta' fis-sena 2011 kien ta' **Eur 475,000.00** (a fol. 353 sa 357).

Pero' din il-Qorti tinnota, illi l-imsemmija Perit hija ex parte. Għaldaqstant, il-Qorti hija tal-opinjoni, li l-ġustizzja u l-oġġettivita' titlob illi għandha żżomm ferm ma' dak ipprovdut mill-Periti minnha maħtura u mhux ma' rapport ta' periti li jkunu tqabbdu mill-partijiet rispettivi. Inoltre', il-Periti maħtura minn din il-Qorti xehdu f'diversi seduti u spjegaw lill-Qorti kif waslu għall-valutazzjonijiet tagħhom. Per eżempju, il-Perit Mario Cassar xehed dwar ir-rapport tiegħu dwar kif ivvaluta diversi proprjetajiet. Spjega ċar u tond kif wasal għall-valur ta' Eur 115,000.00 fuq il-proprjeta' ta' Triq is-Salini, Marsaskala (a' fol. 358 sa 362). Il-Perit Mario Cassar xehed illi "*115,000 jidhirli mill-esperjenza tiegħi huwa a fair price. Ma kelli l-ebda interess li ngħolli u nbaxxi jien*" (a fol. 360).

Inoltre, il-Perit Mario Cassar wieġeb bil-miktub għal diversi mistoqsijiet li sarulu mill-Attriċi Marica Buttiġieġ Sciberras (a fol. 363 u 364 u 384 u 385). Fir-risposti tiegħu, kien ċar ħafna kif ikkalkula l-valur tal-proprjeta' u kkonferma li l-valuri tal-proprjeta'

minnu mogħtija fir-rapport japplikaw għal meta mietet omm il-partijiet u ċioe' Rosanna Sciberras, u anke li kkunsidra l-madwar sabiex wasal għall-valur tal-propjeta' li tinsab fi Triq is-Salini, Marsaskala (a fol. 367 sa 370 u 380 sa 383).

Fuq talba ta' waħda mill-partijiet il-Qorti reġgħet ħatret lill-Perit Mario Cassar sabiex jivvaluta l-proprjeta' li tinsab fi Triq is-Salini Marsaskala, mhux bħala proprjeta' waħda imma maqsuma f'garaxx u mezzanin rispettivament. Il-Perit Mario Cassar kellu jivvaluta l-proprjeta' St. Joseph, Triq is-Salini, Marsaskala li ġġib in-numri 232 u 234 hawn fuq imsemmija bħala garaxx waħdu u l-mezzanin waħdu. Fir-rapport tiegħu kkonkluda is-segwenti:

1. F'każ illi "*l-garaxx jittieħed bħala entita' kummerċjali wara li dan ikun approvat bħala tali wara applikazzjoni l-MEPA, il-valur tas-suq fl-2011 għandu jkun ta' madwar €95,000*";
2. *Ir-rimanenti mezzanin qiegħed jiġi vvalutat għal madwar €85,000.*" (a' fol 399 sa 408).

Fit-tieni valutazzjoni, il-Perit Mario Cassar ikkunsidra l-valur globali ta' Eur 180,000 tal-imsemmija proprjeta' u mhux il-valur ta' Eur 115,000.

**C. Il-valutazzjoni mħejjija minn periti addizzjonali**

Inħatru wkoll periti addizzjonali sabiex jagħtu evalwazzjoni tal-proprjeta' St. Joseph, Triq is-Salini, Marsaskala, (a fol. 435 sa 444). Dawn il-periti kienu tal-fehma li abbażi tas-sena 2011 (u dan għaliex l-omm tal-aħwa mietet fis-sena 2011) kellu jkun stmat fil-valur ta' **Eur 525,000.00**. Il-Perit Valerio Schembri u l-Perit Robert Musumeci xehdu wkoll u spjegaw kif waslu għall-valur tal-proprjeta' (a' fol. 457 sa 465). F'dan ir-rigward, il-Perit Robert Musumeci xehed illi "*Billi inti tara, li wieħed jara, jew aħna*

*rajna, qed nagħmlu eżerċizzju komparattiv tenut kont taċ-ċirkostanzi tal-fatti speċi tal-każ. Per eżempju f'dan il-każ, inti għandek area ta' 81 square meters. U allura hemm ċertu implikazzjonijiet sanitarji li wieħed irid jieħu in konsiderazzjoni. F'dal-każ il-fond jinsab fil-faċċata tal-baħar. U allura dak jagħmel differenza milli qiegħed f'dak is-sit milli t-triq ta' wara. F'dan il-każ il-pjan lokali fl-2011, approvat fl-2006 kien ġia jipprovdi li hemmhekk jista' jkun hemm għoli permessibbli ta' sulari u semi basement. F'dan il-każ, terġa' u tgħid, iż-żona hija waħda ta' enterainments. Priority area u allura wieħed jista' liberament jagħmel take aways fejn ma jistax jagħmilhom fiż-żona ta' wara f'residenzjali. Dawn huma kollha kriterji li ttieħdu in konsiderazzjoni biex aħna wasalna għall-valur*" (a fol. 460).

Il-Perit Robert Musumeci pero' spjega wkoll illi jekk il-proprjeta' tinqasam f'garaxx u mezzanin, il-valur ikun inqas minn dak stmat globalment minnhom bħala periti addizzjonali (a fol. 464 u 465). Dan għalhekk jikkontrasta ma' dak li qal il-Perit Mario Cassar fir-rapport tiegħu. Pero jrid jingħad ukoll illi l-periti addizzjonali qatt ma taw valutazzjoni tal-proprjeta' jekk tkun maqsuma f'garaxx u mezzanin. Il-Perit Robert Musumeci sabiex jiġġustifika l-konklużjoni tiegħu reġa' xehed fl-20 ta' April 2019 (a' fol. 467 u 468).

Ġja la darba hemm diżgwit fuq il-proprjeta' li tinsab Triq is-Salini, Marsaskala, din il-Qorti tqis illi għandha tapplika l-Artikolu 675 tal-Kodiċi tal-Organizazzjoni u Proċedura Ċivil, Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li jipprovdi li "*Meta l-perizja hija dwar valutazzjoni jew likwidazzjoni, il-qorti, fil-każ il-wieħed u l-ieħor imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan, fuq talba ta' waħda mill-partijiet, tista' taħtar żewġ periti addizzjonali; u fuq ir-rapport tagħhom tordna li tittieħed il-medja tas-somom iffissati fir-rapporti kollha li ma jaqblux.*" F'dan ir-rigward, allura, din il-Qorti ser tieħu l-valur

ta' Eur 115,000 u l-valur ta' Eur 525,000, peress illi huma dawn iż-żewġ figuri li ħadu in konsiderazzjoni l-Periti, u tieħu l-medja tagħhom sabiex tkun tista' tikkonstata kemm hu l-valur tal-proprjeta' li tinsab Triq is-Salini, Marsaskala, b'dan illi l-valur medju għandu għaldaqstant ikun ta' **Eur 320,000**. Dan l-Artikolu tal-Liġi kien ukoll diskuss mill-Qorti diversement presjeduta fis-sentenza ***Joseph Chetcuti Bonavita u David Cassar, u b'digriet tat-12 ta' Awissu 2014 l-atti ġew trasfużi f'isem Kurt Bonavita u Karl Chetcuti Bonavita stante l-mewt ta' Joseph Chetcuti Bonavita. vs. Edward J. Fuchs f'ismu proprju u bħala direttur u in rappreżentanza tas-soċjeta' estera "Gunny Oilfield Services Limited" u b'digriet tat-30 ta' Novembru 2010 l-atti ġew trasfużi f'isem Teresa Micallef stante l-mewt ta' Edward J. Fuchs***,[1] fejn il-Qorti kkonkludiet illi "*fejn perizja tirrigwarda valutazzjoni, l-qorti tista' tinnomina żewġ periti addizzjonali u jekk il-valutazzjoni tagħhom tkun differenti minn dik tal-ewwel perit, tieħu l-medja bejniethom it-tlieta (Artikolu 675 Kap 12). Dan l-artikolu huwa indikattiv illi l-periti addizzjonali jesplitaw l-inkarigu lilhom mogħti billi janalizzaw u jgħarblu l-evidenza fl-atti u mhux jagħmlu kritika tal-ewwel rapport. Ir-relazzjoni tal-periti addizzjonali għandha l-istess valur probatorju daqs ir-relazzjoni ta' l-ewwel perit tant li l-qorti hija mogħtija s-setgħa li tiskarta l-konklużjonijiet milħuqa f'perizja jekk tali konklużjoni tkun kontra l-konvinzjoni tal-qorti, indipendentement jekk ir-relazzjoni tkunx ta' l-ewwel perit nominat jew inkella tal-periti addizzjonali*."

Din il-Qorti tirrileva wkoll, illi għalkemm ir-rikorrenti dehru mhux kuntenti bil-

[1] 29 Novembru 2022, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, Ref.: 1429/1999

valutazzjoni taż-żewġ plots (46 u 47) formanti parti mill-għalqa tan-Nadur, fi Triq il-Qaliet, Marsaskala, qatt ma talbu għall-ħatra ta' periti addizzjonali bħal ma għamlu fir-rigward tal-proprjeta l-oħra fi Triq is-Salini, Marsaskala, għalhekk din il-Qorti żżomm ferm mal-valur indikat mill-Perit Mario Cassar u ċioe' il-valur ta' **Eur 420,000.00**.

Għalhekk it-total globali tat-tmien proprjetajiet illi jifformaw il-komunjoni tal-akkwisti skond il-lista hawn fuq indikata jammontaw għal **Eur 1,312,000.00**. Dan ifisser li l-likwidazzjoni tal-assi immobbiljari tal-omm jammonta għal Eur 656,000.00. Miegħu irid ikun miżjud Eur 320,000.00 biex għalhekk l-ammont globali huwa ta' Eur 976,000.00.

**(2) Il-valur tal-proprjeta' immobbli li tappartjeni lill-missier l-aħwa**

**A. Il-valutazzjoni imħejjija mill-Perit Mario Cassar**

**a. Proprjeta' formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti**

Il-Qorti diversament presjeduta ħatret lill-Perit Mario Cassar li ppreżenta r-rapport tiegħu (a fol. 301 sa 324). Il-missier għandu sehem nofs indiviż (1/2) f'din il-proprjeta' b'dan illi dak li din il-Qorti qieset aktar 'l fuq taħt l-ittra A japplika hawnhekk ukoll.

**b. Proprjeta' parafernali tan-Nutar Joseph Sciberras:**

Sabiex ikunu hekk likwidati, din il-Qorti diversament presjeduta ħatret lill-Perit Mario Cassar li ppreżenta r-rapport (a' fol. 301 sa 324). Dawn il-proprjetajiet huma s-segwenti:

a. It-tliet imħażen, 146B, 146C u 146D, Cross Road, Marsa, fejn il-valur tal-proprjeta' fl-1 ta' Ottubru 2012, u ċioe' meta sar l-aċċess, kien ta' **Eur 314,000.00**.

Din il-likwidazzjoni qed issir sabiex ikun deċiż jekk jistax ikun hemm qsim in specie

ta' proprjeta' bejn il-partijiet jew jekk hemmx il-bżonn ta' bejgħ b'liċitazzjoni.

B'dan illi t-total globali tat-tmien proprjetajiet illi jifformaw il-komunjoni tal-akkwisti skond il-lista hawn fuq indikata jammonta għal **Eur 1,312,000.00** u b'dan illi għaldaqstant, il-likwidazzjoni tal-assi immobbli ta' missier l-aħwa jammonta għal **Eur 656,000.00** oltre' l-valur tal-imħażen.

Il-Qorti tqis illi hemm proprjetajiet oħra li jappartjenu biss lill-missier pero' dawn il-proprjetajiet ma ssemmewx fil-likwidazzjoni għaliex kien ċar lil min iridu jappartjenu bħala prelegat skond it-testment *unica charta* hawn fuq imsemmi tal-ġenituri. Ma hemm ebda kontestazzjoni dwar il-proprjetajiet mhux likwidati.

**Donazjonijiet li ngħataw mill-ġenituri lil kull wieħed u waħda mill-aħwa tul ħajjithom**

Il-konvenuta qablet li l-lista magħmula mill-Atturi hija korretta (a' fol. 47 u 48). Pero' tgħid ukoll illi jinħtieġ li jkunu nklużi wkoll tliet proprjetajiet oħra, u dan skond kif indikat fin-nota tal-konvenuta tas-7 ta' Novembru 2012 (a' fol. 78 sa 87). Dawn it-tliet proprjetajiet huma s-segwenti:

1. Garaxx nofsu msaqqaf bla numru u bla isem f'St. Michael Street flimkien ma' biċċa ġnien magħluq u aċċessibbli biss minn dan l-imsemmi garaxx u żewġ garaxxijiet li jinsabu fejn dan l-istess garaxx illi kienu trasferiti lill-Attriċi Marica Buttiġieġ Sciberras b'titolu ta' donazzjoni mill-ġenituri tagħha, skond kuntratt datat 18 ta' Novembru 2003 fl-atti tan-Nutar Dr. William Azzopardi, (a fol. 80 sa 82 u a fol. 510 sa 516);
2. Appartament numru 1 fl-ewwel sular tal-blokk ta' żewġ appartamenti numru 252, Liedna Street, Fgura bl-isem Morning Star bil-komun u l-arja

tal-bejt in komun ma' appartament sovrapost u liema appartament kien trasferit lill-Attriċi Marica Buttiġieġ Sciberras b'titolu ta' subenfitewsi perpetwa fis-27 ta' Ġunju 1991 fl-atti tan-Nutar Dr. Carmelo Gafa' (a' fol. 83 sa 85 u 194 sa 196 u 608 sa 612);

3. Terran bieb għalih numru 250 bl-isem Nid d'Amour, Liedna Street, Fgura fl-ewwel sular tal-blokk ta' żewġ appartamenti numru 252, Liedna Street, Fgura, trasferit lill-Attur Noel Sciberras b'titolu ta' subenfitewsi perpetwa fit-23 ta' Ġunju 1992 fl-atti tan-Nutar Dr. Carmelo Gafa' (a fol. 86 u 87 u 192 u 193).

Fir-rigward tal-ewwel proprjeta', u ċioe l-garaxx nofsu msaqqaf bla numru u bla isem f'St. Michael Street flimkien ma' biċċa ġnien magħluq u aċċessibbli biss minn dan l-imsemmi garaxx u żewġ garaxxijiet li jinsabu fejn dan l-istess garaxx, Marica Buttiġieġ Sciberras ikkonfermat illi hi taqbel li ngħatat dan il-fond b'donazzjoni (a fol. 656).

Il-Perit Mario Cassar ġie maħtur mill-Qorti sabiex jagħti valutazzjoni fuq il-biċċa ġnien magħluq u aċċessibbli biss minn dan l-imsemmi garaxx illi kien trasferit lill-Attriċi Marica Buttiġieġ Sciberras kif ingħad (a' fol. 80 sa 82 u a fol. 510 sa 516). Skond r-rapport tal-Perit, ippreżentat fit-12 ta' Jannar 2021, f'Novembru 2003 il-valur tal-imsemmija proprjeta' kien ta' Eur 14,278, filwaqt illi fis-sena 2021, il-valur kien ta' Eur 41,650 (a' fol. 631 sa 638). Għaldaqstant il-valur tal-proprjeta' fis-sena 2011 kien ta' **Eur 16,516.79** u dan għaliex id-differenza f'persentaġġ bejn il-valur tas-sena 2021 u tas-sena 2003 hija ta' 34.3% b'dan illi din id-differenza seħħet fuq medda ta' tmintax -il sena għalhekk kull sena kien hemm żieda ta' 1.9% fuq il-valur tal-proprjeta' b'dan illi fi tmien snin u ċioe' mis-sena 2003 sas-sena 2011, il-proprjeta'

kellha bejn wieħed u ieħor valur ta' **<u>Eur 16,448.26</u>**.

Il-Perit Mario Cassar reġa' ġie maħtur mill-Qorti sabiex jagħti valutazzjoni taż-żewġ biċċiet illi kienu wkoll imniżżla fl-istess kuntratt u fejn il-Perit qal illi lot A, li kien jikkonsisti fil-garaxx nofsu msaqqaf kien jiswa fis-sena 2003 Eur 42,000 u fis-sena 2022 għall-valur ta' Eur 101,400, filwaqt illi l-arja taż-żewġ garaxxijiet kontigwi għal xulxin kienet tiswa Eur 64,600 fis-sena 2022, meta kienet tiswa Eur 26,842 fl-2003 u liema rapport jinsab (a fol. 304 sa 314). Pero jidher illi kien żball li ġie ċċarat mill-perit fis-16 ta' Ottubru 2023 (a fol. 316A sa 316L). Il-Perit spjega fid-dettall kif wasal għall-valuri indikati fir-rapport tiegħu. Il-konvenuta irtirat it-talba għall-periti addizzjonali fir-rigward ta' dan l-aħħar rapport (a' fol. 328). Huwa ċar illi l-konvenuta mhux tikkontesta dawn il-valuri tal-Perit Mario Cassar. Għaldaqstant, din il-Qorti ser tapplika l-istess prinċipji valutattivi li applikat għall-ġnien u tikkonkludi li <u>fis-sena 2011 il-valur ta' din il-propjeta' kien ta' Eur 49,324.80 u b'dan illi l-arja kellha l-valur ta' Eur 31,539.35</u>.

Id-donazzjonijiet ser ikunu diskussi fid-dettal minn din il-Qorti meta tiġi biex taħdem is-sehem riżervat u meta tkun qed tikkonsidra jekk dawn id-donazzjonijiet għandhomx jingħaddu mal-valur tal-likwidazzjoni tal-proprjeta' tal-omm jew le.

- Lista ta' proprjeta' mobbli tal-ġenituri sabiex jinħadem il-valur tal-omm
  a) Lista ta' mobbli li kienu jappartjenu lill-ġenituri sabiex tkun meqjusa l-valur ta' din il-proprjeta' tal-omm

**A. Proprjeta' mobbli, eskluż flejjes fil-kontijiet tal-Banek u ishma mal-Borża ta' Malta, li kienu jappartjenu lid-defunti**

L-intimata ppreżentat lista tal-mobbli li kienu jappartjenu lill-ġenituri (a' fol. 53 sa 58). Dawn huma s-segwenti:

a. **Proprjeta' formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti:**

i. Entrata – żewġ pultruni, senduq, computer unit, sitt inkwatri tal-grammastri, żewġ inkwatri imdaqsin bil-frame oħxon, sebgħa inkwatri żgħar, arloġġ tal-kampnar, żewġ hangers, heater, dehumidifier, mejda tonda, lampa,

ii. Taraġ – erbgħa inkwatri kbar,

iii. Setaħ – mejda tonda, gradenza, arloġġ, ħdax inkwatri żgħar, żewġ handers, mejda żgħira,

iv. Kamra tas-sodda – Kurċifiss, inkwatru b'xena tal-kampanja, żewġ inkwatri żgħar ħodor, air conditioner, dehumidifier, lampa żgħira,

v. Kċina/kamra tal-ikel – mejda tonda, magna singer, vetrina, TV żgħir, bomblu tal-fuħħar, freezer (ma jaħdimx), żewġ bombli kuluriti, għaxar ħdejjed tal-mogħdija żgħar, bank tal-kċina, mejda,

vi. Waiting room – coffee table, mera kbira u oħra żgħira, cocktail cabinet, TV Grundig, TV table, inkwatru tar-Ragħaj it-Tajjeb (ta' Ġesu'), arloġġ tal-ħajt,

vii. Uffiċċju – bookcase paper shelves, tliet arloġġi, frame,

viii. Kurudur fuq – żewġ imwejjed nofs tond, wallunit, żewġ bombli, erbgħa inkwatri żgħar, inkwatru mdaqqas bi frame oħxon, żewġ inkwatri bil-fjuri, inkwatru tal-papa',

ix. Kamra tas-sodda żgħira – sodda tal-wieħed, pultruna, inkwatru tad-duluri, komodina,

x. Spare bedroom – żewġ komodini, gwardarobba, tallboard, twaletta, gradenza, sitt siġġijiet, fan, air conditioner, TV (ma jaħdimx),

xi. Main bedroom – twaletta, gwardarobba, żewġ komodini, gradenza, sodda, żewġ siġġijiet, pultruna, arloġġ u vażuni taċ-ċaqquff, inkwatru tal-qalb ta' Ġesu' u ta' Maria,

xii. Librerija – bookshelves, mejda żgħira, pultruna, inkwatru tat-tieġ, stereo u żewġ speakers,

xiii. Kamra tat-tfal – żewġ sodod, gradenza, gwardarobba, żewġ siġġijiet tal-kulur abjad,

xiv. Sala - mejda biskuttin, TV antik, żewġ imwejjed żgħar, sottospecchio, salott tas-satin aħdar (sufan, żewġ pultruni, żewġ lady chairs), coffee table, żewġ corners, inkwatru bix-xena ta' l-Ispirtu s-Santu, sitt inkwatri żgħar, żewġ mirja bil-brazzi, ħames inkwatri żgħar ħafna, lampa,

xv. Kamra tal-pranzu – mejda, erbgħa siġġijiet, żewġ pultruni, sideboard, tlett platti tal-injam, żewġ bozoz bil-fjuri, pittura b'xena tal-Imdina, vetrina tat-tazzi,

xvi. Fidda – tlett frames żgħar, frame ritratt tat-tieġ, tmien frames żgħar daqs ta' ritratt normali, cigarette case, żewġ gandlieri bi 3 silver plated, coffee set, disa' frames silver plated, square tray disinn imtaqqab, frame tifel tal-praċett, frame koppja tat-tieġ, frame Kunċizzjoni żgħir, frame tifel tal-praċett (no. 2), silver plated tray tal-ħelu, frame tifel tal-kampanja, frame tieġ (3), żewġ oval frames.

b. **Proprjeta' parafernali tad-defunta Rosanna Sciberras :**

Il-Konvenuta ma indikat xejn li kien jappartjeni biss lil Rosanna Sciberras mar-rikors ġuramentat tagħha (fol. 50 sa 58).

c. **Proprjeta' parafernali tan-Nutar Joseph Sciberras (missier l-aħwa mertu tal-kawża):**

i. Entrata – Mera tal-persuna, unit tal-kewkba, bedsite trolley, ċentru tal-kulur kannella, żewġ kolonni tal-ġebel,
ii. Taraġ – Arloġġ, żewġ figurini tal-ħadid, żewġ corners,
iii. Setaħ – żewġ pultruni, divan, mera kbira tal-ħajt,
iv. Kamra tas-sodda – sodda, gradenza, twaletta, komodina, gwardarobba (kollox tal-fraxxnu), żewġ vażuni ħodor, figura ta' żiemel,
v. Kċina – żewġ qsari, żewġ bombli suwed, arloġġ, żewġ siġġijiet tal-ħadid, mejda tal-cane, sufan,
vi. Waiting room – żewġ pultruni tondi, divan, bookcase, żewġ inkwatri suwed, żewġ inkwatri bil-fjuri, figurini tal-ħadid,
vii. Uffiċċju – pigeonhole, tlett chests of drawers tal-ħadid, sitt siġġijiet, mejda, żewġ inkwatri kbar tal-lawrja tal-papa', kurċifiss,
viii. Kurudur fuq – tliet siġġijiet, rocking chair, gwardarobba, paper cabinet,
ix. Kamra tas-sodda żgħira – żewġ siġġijiet, inkwatru ta' S. Piju X,
x. Spare bedroom – sodda tar-ram, rocking chair, inkwatru ta' San Ġużepp, mejda ta' TV,

xi. Main bedroom – inkwatru tal-Kunċizzjoni,

xii. Librerija – inkwatru ta' tifel liebes ta' suldat (ritratt tal-papa' żgħir),

xiii. Sala – salott aħmar (sufan u sitt siġġijiet) mera gilded, żewġ pitturi antiki, żewġ imwejjed gilded, żewġ gandlieri,

xiv. Kamra tal-pranzu – żewġ imwejjed tondi, statwa ta' San Ġużepp, żewġ pupi tal-ħadid, arloġġ,

xv. Fidda – ċentru maħsul bil-fidda, incensier.

Il-konvenuta tikkontendi wkoll li hemm affarijiet illi jappartjenu lilha li qegħdin fid-dar li kienet id-dar matrimonjali tal-ġenituri u dan għaliex hija ingħatat id-dritt tal-abitazzjoni f'din id-dar bl-indirizz Mater Alba, numru 248, Triq il-Liedna, Fgura (a fol. 474 sa 476 u a fol. 612) . Din il-proprjeta' mobbli hija s-segwenti:

i. Kamra tas-sodda t'isfel – stampa tal-Madonna tal-Bambin,

ii. Kċina – fridge, air conditioner, tliet siġġijiet tal-oak, vażun isfar (aħdar fil-lista), platti tal-ħajt,

iii. Uffiċċju – Kurċifiss, skrivanija, erbgħa inkwatri żgħar, frame tal-fidda,

iv. Kurudur fuq – gradenza,

v. Kamra tas-sodda żgħira – skrivanija, tallboard,

vi. Sala – pjanu.

L-atturi jaqblu ma' din il-lista salv għas-segwenti proprjeta' mobbli peress li jsostnu li huma parti mill-komunjoni tal-akkwisti tal-ġenituri (a fol. 62) Il-proprjeta' mobbli inkwistjoni hija s-segwenti:

i. Waiting room – żewġ inkwatri bil-fjuri huma parafernali tal-omm tal-aħwa, Rosanna Sciberras,

ii. Uffiċċju – tlett chests of drawers tal-ħadid u mejda,

iii. Sala – salott aħmar (sufan u sitt siġġijiet) mera gilded, żewġ pitturi antiki, żewġ imwejjed gilded, żewġ gandlieri,

iv. Kamra tal-pranzu – arloġġ

v. Fidda – incensier.

vi. Kurudur fuq – gradenza tal-komunjoni tal-akkwisti,

vii. Kamra tas-sodda żgħira – skrivanija tal-komunjoni tal-akkwisti u tallbaord hija tal-omm l-aħwa,

viii. Sala – pjanu.

Marica Buttiġieġ Sciberras ikkonfermat din l-imsemmija lista fl-affidavit tagħha (a fol. 376 u 377). Marica Buttiġieġ Sciberras tixhed illi hemm affarijiet personali tagħha fid-dar fejn tabita Rosella (a fol. 661). Pero' l-Attriċi ma pprovdit qatt ebda lista f'dan is-sens, la f'xi affidavit u lanqas fix-xhieda. Għaldaqstant, din il-Qorti ser tiskarta din l-allegazzjoni ai termini tal-Artikolu 562 tal-Kodiċi tal-Organizazzjoni u Proċedura Ċivili li jipprovdi li *l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah*.

Fir-rigward tal-proprjeta' mobbli l-oħra fejn hemm diżgwit bejn il-partijiet, huwa ferm importanti li din il-Qorti terġa' tapplika bir-reqqa Artikolu 562 tal-Kodiċi tal-Organizazzjoni u Proċedura Ċivili fuq imsemmi. Il-Qorti trid toqgħod attenta ferm meta tiddeċiedi liema mill-verżjonijiet kontrastanti għandha l-aktar mis-sewwa. Il-Qorti tifhem li trid tħares biss lejn il-bażi ta' probabilita' li fil-kamp ċivili huwa gwidat mill-konvinċiment morali fuq il-bilanċ ta' probabiltajiet u preponderanza tal-provi u

mhux lil hinn minn kull dubbju dettatt mir-raġuni (Ara **Sentenza tat-30 ta' Ottubru, 2003 fl-ismijiet George Bugeja vs Joseph Meilak, Prim Awla Qorti Ċivili**).

Għalhekk mil-listi li pprovdew kemm il-konvenuta kif ukoll l-Atturi, din il-Qorti tinnota li l-konvenuta ssostni fl-affidavit tagħha li kien ippreżentat fil-5 ta' Novembru 2019 illi s-salott aħmar tad-damask huwa parafernali tal-missier (a' fol 545 sa 551). Tgħid li wkoll hemm l-affidavit ta' Carmen Camilleri li jikkorabora dan il-fatt (dan jinsab a' fol. 519). Fir-rigward taż-żewġ pitturi antiki in kwistjoni, hemm affidavit ta' Sr. Josephine Azzopardi (a' fol. 520). Din ix-xhieda prodotta qatt ma ġew kontradetti mill-Atturi u qatt ma ġew kontro-eżaminati. Il-Qorti hija għalhekk sodisfatta li tali proprjeta' mobbli kienet parafernali tal-missier. B'dan illi l-valutazzjoni tagħhom trid tinqata' mill-kumplament tal-valutazzjoni tal-proprjeta' mobbli l-oħra.

Pero' fir-rigward taċ-ċensier, iż-żewġ imwejjed gilded, il-gandlieri u l-arloġġ tal-kamra tal-pranzu, il-konvenuta ssemmihom fl-istess affidavit fuq indikat tagħha mingħajr ma tipprovdi ebda prova konkreta li dawn tassew parafernali tal-missier. Għaldaqstant, din il-Qorti temmen, illi dawn għandhom jingħaddu mal-proprjeta' mobbli l-oħra li formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Dan qed jingħad meta iktar u iktar il-konvenuta stqarret fl-istess affidavit illi din il-proprjeta' mobbli ingħatat lil missierha mill-Patrijiet Terezjani u tas-Sorijiet tal-Klawsura tal-Monasteru ta' St. Margherita ta' Cospicua. Ukoll, fir-rigward tal-arloġġ tal-kamra tal-pranzu, il-konvenuta ssostni fl-affidavit tagħha li ingħata lil missierha mingħand iz-zija ta' missierha, Marianna Fenech, mingħajr pero' ma tikkorrobora tali allegazzjoni.

Għalhekk anke din il-proprjeta' ser tkun ikkunsidrata li tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti tal-ġenituri.

Fir-rigward tal-pjanu, il-konvenuta ma ssemmi xejn fl-affidavit tagħha, għalkemm semmietu fl-affidavit tagħha ta' qabel. Min-naħa l-oħra, Marica Buttiġieġ Sciberras xehdet fis-27 ta' Jannar 2022 illi l-konvenuta kienet l-ewwel waħda li uriet interess li ddoqq dan il-pjanu pero' l-Attriċi kienet tgħallmet iddoqq il-pjanu hi wkoll. Fid-dawl ta' dan id-diżgwid, il-Qorti trid tapplika dak li jidher li hu ġust. Għalhekk fin-nuqqas ta' provi univoċi li jikkoroborraw it-teżi tal-konvenuta dan il-pjanu għandu jitqies li hu parti mill-komunjoni tal-akkwisti tal-ġenituri ġja la darba jinsab fid-dar matrimonjali tal-ġenituri u iktar u iktar, minħabba l-fatt illi l-intimata ma kkontestat qatt il-fatt illi r-rikorrenti kienet ukoll iddoqq il-pjanu (a fol. 675).

**Valur tal-proprjeta' mobbli li kienet tappartjeni lill-ġenituri, b'mod partikolari lill-omm.**

Il-lista ta' mobbli ġiet ivvalutata mill-espert Pierre Grech Pillow fis-26 ta' Novembru 2013, u tinsab a fol. 177 sa 181. Din il-lista ta' valutazzjoni ttieħdet mill-espert billi aċċeda l-proprjeta' 248, Triq il-Liedna, Fgura, liema proprjeta' kienet id-dar matrimonjali tal-ġenituri tal-kontendenti. Din il-valutazzjoni setgħet tkun patagonata mal-listi li pprovdew il-kontendenti. Pero' jingħad mill-ewwel li l-Qorti sabitha diffiċli liema mill-oġġetti setgħu kienu fil-propjeta' matrimonjali tad-defunti. Minn eżami li għamlet il-Qorti jidher illi l-pjanu ma kienx inkluż f'din il-valutazzjoni. Din il-Qorti lanqas ma setgħet tiddedermina l-valur tat-tallbaord. Pero' il-valutazzjoni totali tal-proprjeta' mobbli ġiet fl-ammont ta' **Eur 37,495.00**.

Il-Qorti waslet ukoll għall-konklużjoni li s-salott tad-damask aħmar u ż-żewġ pitturi li

jinsabu fis-sala jridu jitnaqqsu minn din il-valutazzjoni. Dawn iż-żewġ oġġetti huma mmarkati bħala numru 44 u numru 47 fil-lista inkwistjoni.

**Għalhekk il-valur totali tal-proprjeta' mobbli li jinsabu fir-residenza tal-ġenituri tammonta għal Eur 36,855. Dan ifisser li s-sehem tal-omm huwa nofs indiviż li jammonta għal Eur 18,427.50**.

**A. Proprjeta' mobbli li kienet tappartjeni lill-omm fi flus fil-banek u investimenti**

**a) Lista ta' proprjeta' mobbli li kienet tappartjeni lill-omm**

Id-defunta Rosanna Sciberras, kellha xi flejjes f'banek u anke isħma. F'dan ir-rigward huwa importanti li wieħed jiftakar illi l-omm mietet fid-19 ta' Lulju 2011 (a' fol. 6). Il-flejjes jikkonsistu f'diversi kontijiet mal-Bank of Valletta plc, HSBC Bank Malta plc, investimenti f'isħma u xi kirjiet.

**b) Valur tal-proprjeta' mobbli li kienet tappartjeni lill-omm l-aħwa**

Il-flus kontanti jikkonsistu fis-segwenti:

a. **Bank of Valletta plc** – kellha sebgħa kontijiet ma' dan l-imsemmi. Kollha kellhom xi ammont ta' flus fihom (a fol. 282 u 283). U kienu s-segwenti kontijiet u dejjem mal-Bank of Valletta Plc:

i. Eur 4,232.94 (a fol. 216);

ii. Eur 67.03 f'kont qabel mietet (a fol. 217);

iii. Eur 9,317.49 (a fol. 218);

iv. Eur 2,329.37 (a fol. 219);

v. Eur 1,500.00 (a fol. 220);

vi. Eur 13,600 (a fol. 221);

vii. Eur 1,000.00 (a fol. 222).

**L-ammont globali ta' dawn il-flejjes huwa ta' Eur 32,045.89**.

Johanna Bartolo, rappreżentanta tal-Bank hawn fuq imsemmi, tgħid illi minn żewġ kontijiet, kien hemm *withdrawals* fl-ammont ta' Eur 9,616.64 (a fol. 538 sa 542). Dawn il-*withdrawals* saru ftit jiem qabel ma mietet.

L-Attriċi Marica Buttiġieġ Sciberras, tixhed illi kienet hi illi għamlet dawn il-*withdrawals* minn dawn il-kontijiet fl-ammont ta' Eur 9,616.64. Tispjega li kienet ħadet lil ommha tgħix għandha qabel mietet. L-imsemmija Marica Buttiġieġ Sciberras, tgħid li dan kien fl-10 ta' Ġunju 2011 (a fol. 657). Għalhekk tipprovdi lista ta' affarijiet li xtrat għal ommha tul dan il-perjodu li ommha rrisjediet magħha (a fol. 638). Pero' din l-Attriċi ma ppreżentat ebda riċevuta biex tiġġustifika dan l-infieq. Din l-Attriċi reġgħet xehdet u tat lista tal-ispejjeż li nefqet fl-interess t'ommha kienet għandha (a' fol. 663). F'din ix-xhieda kkonfermat illi ommha marret tgħix għandha fl-10 ta' Ġunju 2011 u mietet fid-19 ta' Lulju 2011. Qalet ukoll, illi ġimgħa qabel mietet, l-omm kienet rikoverata l-isptar St. James (a fol. 664 u 669). Xehdet ukoll illi kellha s-setgħa li tagħmel dawn il-*withdrawals* minħabba li kellha prokura u li ma kinitx konsapevoli li oħtha kella wkoll prokura favur tagħha (a fol. 666). F'dan ir-rigward qalet illi "… *ma qaltlix li għandha prokura, immorru flimkien il-bank, u niġbdu l-flus, hekk qaltli* …" (a fol. 666). L-unika prova ċara li dawn l-spejjeż ġew inkorsi għall-omm, huma żewġ *invoices* (a' fol. 564 u 565). Għalhekk dan ifisser li l-Attriċi Marica Buttiġieġ Sciberras, trid tirritorna bħala flejjes ta' ommha l-ammont ta' **Eur 8,433.64** għaliex dan l-ammont ma kienx. F'dan l-istadju l-Qorti tfakkar li kull min ikollu prokura ma jfissirx li għandu carte blanche li jista jagħmel li jrid bl-assi tal-

mandat tiegħu. Għandu dejjem ikun hemm il-kunsens espress jew impliċitu tal-mandant kull meta il-mandatarju jagħmel użu minnha. Di piu' għandu dejjem iżomm il-prova ta' kull ma jagħmel il-mandatarju meta jiddisponi mill-propjeta' tal-mandat jew kwlunkwe ħaġa li tirreferi għaliha għaliex meta jiġi l-mument li jkun mitlub jagħti ir-reża tal-kontijiet ikun f'posizzjoni li jagħmel dan lill-mandant jew lis-suċċessuri tiegħu, Dan anke jipprovdi għalih artikolu 1856 tal-Kodiċi Ċivili. (Ara **Sentenza tal-Appell fl-ismijiet Pace vs Camilleri deċiża fit-3 ta' Frar 2012**).

Kien ukoll is-segwenti fl-fejjes **mal-HSBC Plc**.

b. **HSBC Bank Malta plc** – ma' dan il-Bank id-defunta kellha erbatax-il kont mal-imsemmi bank (a fol. 227 sa 260 22 u 288 u 289). tal-imsemmi Bank, u liema xhieda tinsab (a fol. 288 u 289):

i. Eur 70.26 f'kont wieħed ftit jiem wara li mietet iżda jidher illi dan l-ammont jikkonsisti f'interessi li akkumulaw eżatt wara l-mewt tal-omm (a fol. 227 u 231);

ii. Eur 3,494.06 (a fol. 232 u 233);

iii. Eur 3,494.06 (a fol. 233 u 235);

iv. Eur 7,337.53 (a fol. 236 u 238);

Eur 2,329.37 (a fol. 239 u 240);

v. Eur 2,329.37 (a fol. 241 u 242);

vi. Eur 582.34 (a fol. 243 u 244);

vii. Eur 5,357.56 (a fol. 245 u 246);

viii. Eur 4,658.75 (a fol. 247 u 248);

ix. Eur 4,658.75 (a fol. 249 u 250);

x. Eur 3,494.06 (a fol. 251 u 252);

Eur 1,747.03 (a fol. 253 u 254);

xi. Eur 2,329.37 (a fol. 255 u 256);

xii. Eur 5,357.56 (a fol. 245 u 246);

xiii. Eur 5,029.41 (a fol. 257 sa 260).

**L-ammont globali ta' dawn il-kontijiet mal-HSBC Bank Malta plc huwa ta' Eur 52,269.48.**

**Isħma tad-defunta omm**

c. **Malta Stock Exchange plc** – żewġ ammonti ta' isħma qabel mietet (a fol. 223 sa 226) dawn huma dokumentati erbgħa darbiet. L-ewwel waħda eżatt fil-ġurnata li mietet u t-tieni waħda ftit xhur wara li mietet, it-tielet data hija 31 ta' Diċembru 2012 u l-aħħar data hija 31 ta' Diċembru 2013. L-ammonti u ta' fejn qegħdin l-isħma inbidel. Dawn kienu s-segwenti:

i. Bank of Valletta plc Ordinary Shares – ammont ta' 438 isħma;

ii. HSBC Bank Malta Ordinary Shares – ammont ta' 1,600 isħma.

Skond ir-rendikont datat 31 ta' Diċembru 2013, kien għad fadal biss dawk tal-HSBC (a fol. 226). Għalhekk l-isħma kollha li kellha l-omm fid-data tal-mewt tagħha jridu jkunu magħduda.

Dawn l-isħma m'għandhomx valur fiss peress illi l-valur jinbidel skond il-ġurnata (a fol. 285 u 286). Illi huwa ġust għalhekk li l-valur tal-isħma jittieħed fid-data ta' meta ġiet nieqsa l-omm u ċioe' id-19 ta' Lulju 2011. Skond il-provi, l-isħma tal-Bank of Valletta plc kellhom il-valur ta' Eur 2.70 kull sehem filwaqt dawk tal-HSBC Bank Malta plc kellhom il-valur ta' Eur 2.87 kull sehem (a fol. 262 sa 269). Għalhekk il-

valur globali tal-isħma huwa s-segwenti:

i) Bank of Valletta plc Ordinary Shares huwa ta' **Eur 1,182.60** fuq l-ammont ta' 438 isħma;

ii) HSBC Bank Malta Ordinary Shares huwa ta' **Eur 4,592** fuq l-ammont ta' 1,600 isħma.

d. **Il-Kirjiet**. Din il-Qorti taqbel pjenament ma' dak li jgħid l-Attur Noel Sciberras fl-affidavit tiegħu tad-19 ta' Mejju 2015. Dan isostni li ġia la darba skond it-testmenti, il-missier kien ħalla l-użufrutt lil ommhom, il-kirjiet parafernali tal-missier kienu dovuti lill-omm. Għalhekk hija konsegwenza loġika u naturali li l-ammont depożitat ta' Eur 28,134.69 huwa tal-omm (a fol. 332 sa 337). Din il-Qorti taqbel mal-*workings* tal-Attur Noel Sciberras ħlief għal dak li huwa mmarkat bħala item numru 6 fuq dawn l-imsemmija. Dan qed jingħad għaliex jidher mill-atti uffiċċjali tal-Qorti li ma kien ebda ammont iddepożitat taħt l-Awtorita' tagħha bin-numru 237/2004 fit-8 ta' Marzu 2024. Għalhekk l-ammont maħdum globali tal-kirjiet huwa ta' **Eur 27,204.47**.

2. **Il-partijiet jitqiegħdu fil-pussess tal-prelegat rilaxxjat lilhom.**

It-tifsira ta' legat u l-provviżjonijiet tal-Kodiċi Ċivili f'dan ir-rigward kienu dettaljament tratti mill-Qorti diversement presjeduta fis-sentenza **L-Onorevoli Mħallef Dottor Alberto J. Magri B.A. LL.D., pro et -vs- Mariella Borg Magri, tat-30 ta' Ġunju 2005, Prim'Awla Qorti Ċivili,**

Jingħad mill-ewwel li l-konvenuta m'oġġezzjonatx għal din l-imsemmija talba, u dan kif jirriżulta mir-risposta ġuramentata tagħha.

F'dan ir-rigward il-Qorti ser tibda billi tqis dak li tipprovdi l-Liġi. L-artikolu 709 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi li "*It-testatur jista' jħalli prelegat lill-werriet tiegħu, u, f'dak il-każ, il-werriet, għal dan il-prelegat, jitqies bħala legatarju.*" Artikoli 721 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili jirregolaw fhix jikkonsisti l-legat. Artikolu 862 (2) tal-Kodiċi Ċivili jkompli jipprovdi illi "*Iżda, ir-rinunzja tiegħu ma ttellfux il-jedd li jitlob il-legati mħollija favur tiegħu.*" Dan ifisser li t-tieni talba tar-rikorrenti qed tkun milqugħa minn din il-Qorti.

Kwantu għal dawn il-prelegati l-lista tagħhom temerġi mit-tliet testmenti fuq imsemmija.

Mit-testment *unica charta* datat 14 ta' April 2000 (a fol. 18 sa 22). Fost oħrajn, jipprovdi fid-dettall is-segwenti:

1. **Proprjeta' li tħalliet lill-Attriċi Marica Buttiġieġ Sciberras hija din:**
    a. **Fl-intier tagħhom is-segwenti proprjeta':**
        i. L-iskrivanija li qiegħda fl-uffiċċju notarili tad-dar tal-abitazzjoni tal-ġenituri, u ċioe', f' numru mitejn u tmienja u erbgħin (248) bl-isem Mater Alba, Triq il-Liedna, Fgura/Raħal Ġdid;
        ii. Is-subdirett dominju annwu u perpetwu u subċens annwu u perpetwu relattiv ta' tmenin lira (Lm80) impost fuq l-appartament numru wieħed (1) bl-isem 'Morning Star' li qiegħed fil-blokk ta' żewġ appartamenti, Triq il-Liedna, Fgura/Raħal Ġdid, numru mitejn u tnejn u ħamsin (252);
        iii. Is-subdirett dominju annwu u pertpetwu u subċens annwu u perpetwu relattiv ta' tmenin lira (Lm80) impost fuq it-terran

li qiegħed San Pawl il-Baħar, Triq Parades, bl-isem 'Mater Alba'.

**b. Mhux fl-intier tagħhom is-segwenti:**

i. Nofs is-sehem indiviż (1/2) tar-reġistri kollha tal-atti notarili *inter vivos* u *causa mortis* li l-missier, in-Nutar Sciberras kellu fl-imsemmi uffiċċju tiegħu;

ii. Nofs is-sehem indiviż (1/2) tal-proprjeta' numru mitejn u tmienja u erbgħin (248) bl-isem Mater Alba, Triq il-Liedna, Fgura/Raħal Ġdid, flimkien mal-garaxx taħt l-istess dar tnejn (2) Triq San Mikiel, Fgura/Raħal Ġdid bil-ġnien anness u retropost għalihom, u l-garaxx bla numru maġenb il-garaxx numru tnejn (2), fi Triq San Mikiel, Fgura/Raħal Ġdid, flimkien mal-arja taż-żewġ garaxxijiet;

iii. Nofs sehem indiviż (1/2) tal-oġġetti kollha tad-deheb, fidda u ħaġar prezzjuż li ma jissemmiex x'imkien ieħor f'dan it-testment tal-ġenituri;

iv. Nofs is-sehem indiviż (1/2) tat-tliet stores li qegħdin il-Marsa, Cross Road, li jġibu rispettivament in-numri mija u sitta u erbgħin ittra "B" (146B); mija sitta u erbgħin ittra "C" (146C); u mija u sitta u erbgħin ittra "D" (146D), eskluża l-arja tagħhom.

**2. Proprjeta' li tħalliet lill-Attur Noel Sciberras hija din:**

**a. Fl-intier tagħhom is-segwenti proprjeta':**

i. L-inkwadru kbir rappreżentanti San Ġużepp bil-Bambin u l-mejda biskuttin li l-ġenituri kellhom fis-sala tar-residenza ordinarja tagħhom li għandha l-indirizz numru mitejn u tmienja u erbgħin (248) bl-isem Mater Alba, Triq il-Liedna, Fgura/Raħal Ġdid,

ii. Is-subdirett dominju annwu u perpetwu u subċens annwu u perpetwu relattiv ta' tmenin lira (Lm80) impost fuq it-terran numru mitejn u tnejn u ħamsin (252), Triq il-Liedna, Fgura/Raħal Ġdid;

iii. Polka tad-deheb bl-arloġġ;

iv. Domna tal-Madonna fuq il-blu;

v. Par 'links' tad-deheb;

vi. Ċurkett tal-engagement tal-irġiel bil-fossa tad-djamanti;

vii. Il-mezzanin li qiegħed il-Marsa Cross Road, numru mija u sitta u erbgħin ittra "A" (146A);

viii. L-arja tal-imsemmija tliet stores li qegħdin il-Marsa, Cross Road, li jġibu rispettivament in-numri mija u sitta u erbgħin ittra "B" (146B); mija sitta u erbgħin ittra "C" (146C); u mija u sitta u erbgħin ittra "D" (146D), eskluża l-arja tagħhom;

ix. Il-maħżen li qiegħed Marsa Cross Road, numru mija u sebgħa u erbgħin (147);

x. Il-maħżen li qiegħed Marsa Cross Road, numru mija u tmienja u erbgħin (148);

xi. Il-maħżen li qiegħed Marsa Cross Road, numru mija u

disgħa u erbgħin (149);

xii. Il-maħżen li qiegħed Marsa Cross Road, numru mija u ħamsin (150);

xiii. Il-maħżen li qiegħed Marsa Cross Road, numru mija wieħed u ħamsin (151) u mija u tnejn u ħamsin (152);

xiv. Il-maħżen li qiegħed Marsa Cross Road, numru mija u tlieta u ħamsin (153) u mija u erbgħa u ħamsin (154);

xv. Il-maħżen li qiegħed Marsa Cross Road, numru mija ħamsa u ħamsin u mija sitta u ħamsin (155/156);

xvi. Il-maħżen li qiegħed Marsa Cross Road, numru mija u sebgħa u ħamsin (157).

**3. Proprjeta' li tħalliet lill-konvenuta Rosella Sciberras hija din l-imsemmija:**

**a. Fl-intier tagħhom is-segwenti:**

i. L-istudju li l-missier, in-Nutar Joseph Sciberras kellu fid-dar ta' l-abitazzjoni tiegħu, u ċioe' il-proprjeta' li għandha l-indirizz numru mitejn u tmienja u erbgħin (248) bl-isem Mater Alba, Triq il-Liedna, Fgura/Raħal Ġdid, kollox inkluż, inklużi d-dokumenti u l-kotba kollha u dak kollu li jigwarnixxi l-istess studju, flimkien mal-librerija eżistenti fl-istess studju, u fil-kamra adjaċenti u l-għamara kollha u attrezzi oħra inklużi magni ta' ikkupjar u magni oħra simili, esklużi r-reġistri kollha tal-atti notarili *inter vivos* u *causa mortis* li l-

istess Nutar Sciberras kellu fl-imsemmi uffiċċju tiegħu;

ii. L-iskrivanija li qiegħda fl-uffiċċju numru erbgħa u tletin (34), Triq Santa Teresa, Cospicua;

iii. L-oġġetti kollha mobili, mobilja u kull ma jattrezza d-dar tal-abitazzjoni tal-ġenituri Mater Alba, numru mitejn u tmienja u erbgħin (248), Triq il-Liedna, Fgura/Raħal Ġdid flimkien mal-oġġetti kollha eżistenti fil-garaxx numru tnejn (2), Triq San Mikiel, Fgura/Raħal Ġdid, kollox inkluż, inklużi l-għamara, oġġetti mobili u dak kollu li jigwarnixxi l-istess dar u garaxx, ad esklużjoni tad-dokumenti notarili u ad esklużjoni tad-dokumenti u titoli rappreżentanti flus u ad esklużjoni wkoll tal-oġġetti tad-deheb u ħaġar prezzjuż;

iv. Is-sub-dirett dominju annwu u pertpetwu u subċens annwu u perpetwu relattiv ta' tmenin lira (Lm80) impost fuq l-appartament numru tnejn (2) li qiegħed fil-blokk ta' żewġ appartamenti, Triq il-Liedna, Fgura/Raħal Ġdid, numru mitejn u tnejn u ħamsin (252);

v. Is-sub dirett dominju annwu u perpetwu u subċens annwu u perpetwu relattiv ta' tmenin lira (Lm80) impost fuq it-terran li qiegħed San Pawl il-Baħar, Triq Parades, jismu 'Charles', numru mija u wieħed u erbgħin (141).

**b. Mhux fl-intier tagħhom is-segwenti proprjeta':**

i. Nofs is-sehem indiviż (1/2) tar-reġistri kollha ta' l-atti notarili *inter vivos* u *causa mortis* li l-missier, in-Nutar Sciberras

kellu fl-imsemmi uffiċċju tiegħu;

ii. Nofs is-sehem indiviż (1/2) tal-proprjeta' numru mitejn u tmienja u erbgħin (248) bl-isem Mater Alba, Triq il-Liedna, Fgura/Raħal Ġdid, flimkien mal-garaxx taħt l-istess dar tnejn (2) Triq San Mikiel, Fgura/Raħal Ġdid bil-ġnien anness u retropost għalihom, u l-garaxx bla numru maġenb il-garaxx numru tnejn (2), fi Triq San Mikiel, Fgura/Raħal Ġdid, flimkien mal-arja taż-żewġ garaxxijiet;

iii. Nofs sehem indiviż (1/2) tal-oġġetti kollha tad-deheb, fidda u ħaġar prezzjuż li ma jissemmiex x'imkien ieħor f'dan it-testment tal-ġenituri;

iv. Nofs is-sehem indiviż (1/2) tat-tliet stores li qegħdin il-Marsa, Cross Road, li jġibu rispettivament in-numri mija u sitta u erbgħin ittra "B" (146B); mija sitta u erbgħin ittra "C" (146C); u mija u sitta u erbgħin ittra "D" (146D), eskluża l-arja tagħhom.

Bit-testment li sar mill-omm, Rosanna Sciberras, datat 23 ta' Ottubru 2004 (a fol. 23). Fost oħrajn dan it-testment jipprovdi fid-dettall is-segwenti:

1. **Proprjeta' li għandha tappartjeni lill-Attriċi Rosella Sciberras hija din l-imsemmija:**

   a. **Fl-intier tagħha s-segwenti proprjeta':**

      i. Id-dar li qiegħda l-Fgura/Raħal Ġdid, Triq il-Liedna, numru mitejn u tmienja u erbgħin (248) bl-isem Mater Alba.

It-testment tal-omm, Rosanna Sciberras, datat 11 ta' April 2011 (a fol. 24) fost oħrajn, jipprovdi fid-dettall is-segwenti:

1. **Proprjeta' li għandha tappartjeni lill-konvenuta Rosella Sciberras hija l-imsemmija:**
    a. **Fl-intier tiegħu s-segwenti:**
        i. Il-mezzanin sopran bl-arja tiegħu numru mitejn u tnejn u tletin (232) u l-garaxx sottopost għall-istess mezzanin numru mitejn u erbgħa u tletin (234), Triq is-Salini, Marsaskala.

Iżda l-Attriċi Marica Buttiġieġ Sciberras xehdet fis-17 ta'Ġunju 2021, issostni li l-konvenuta Rosella Sciberras, marret minn wara daharha u saret l-unika konservatriċi tal-atti tal-missier (a fol. 655). L-Attriċi Marica Buttiġieġ Sciberras tikkonferma illi "*Illum -il ġurnata, mistoqsija jekk nistax inkun konservatriċi, ngħid li dak huwa dritt li ħadd ma jista' jeħodulek. Ir-residenza tiegħi hija Malta*". Minkejja dan il-Qorti hija tal-fehma li l-Attriċi Marica Buttiġieġ Sciberras tista' faċilment issir konservatriċi hi wkoll. Dan kif wara kollox sostniet hi stess. Għalhekk din it-talba mhux ser tkun ikkunsidrata minn din il-Qorti.

Minkejja dan kollu l-Attriċi Marica Buttiġieġ Sciberras, ma għadx għandha sehem mill-proprjeta' 248, Mater Alba, Fgura/Raħal Ġdid u l-garaxx rispettiv, u dan skond it-testmenti hawn fuq imsemmija, u kif ukoll irrinunzjat għall-wirt ta' ommha. Konsegwentement l-Attriċi għandha s-segwenti propjeta' :

a. **Fl-intier tagħhom is-segwenti proprjeta':**

i. L-iskrivanija li qiegħda fl-uffiċċju notarili tad-dar tal-abitazzjoni tal-ġenituri, u ċioe', f' numru mitejn u tmienja u erbgħin (248) bl-isem Mater Alba, Triq il-Liedna, Fgura/Raħal Ġdid;

ii. Is-subdirett dominju annwu u perpetwu u subċens annwu u perpetwu relattiv ta' tmenin lira (Lm80) impost fuq it-terran li qiegħed San Pawl il-Baħar, Triq Parades, bl-isem 'Mater Alba'.

**b. Mhux fl-intier tagħhom is-segwenti:**

iii. Kwart indiviż (1/4) tal-proprjeta' numru mitejn u tmienja u erbgħin (248) bl-isem Mater Alba, Triq il-Liedna, Fgura/Raħal Ġdid, flimkien mal-garaxx taħt l-istess dar tnejn (2) Triq San Mikiel, Fgura/Raħal Ġdid bil-ġnien anness u retropost għalihom, u l-garaxx bla numru maġenb il-garaxx numru tnejn (2), fi Triq San Mikiel, Fgura/Raħal Ġdid, flimkien mal-arja taż-żewġ garaxxijiet;

iv. Nofs is-sehem (1/2) tas-sub dirett dominju annwu u perpetwu u subċens annwu u perpetwu relattiv ta' tmenin lira (Lm80) impost fuq l-appartament numru wieħed (1) bl-isem 'Morning Star' li qiegħed fil-blokk ta' żewġ appartamenti, Triq il-Liedna, Fgura/Raħal Ġdid, numru mitejn u tnejn u ħamsin (252);

v. Kwart tas-sehem indiviż (1/4) tal-oġġetti kollha tad-deheb, fidda u ħaġar prezzjuż li ma jissemmiex x'imkien ieħor f'dan

it-testment tal-ġenituri;

vi. Nofs is-sehem indiviż (1/2) tat-tliet stores li qegħdin il-Marsa, Cross Road, li jġibu rispettivament in-numri mija u sitta u erbgħin ittra "B" (146B); mija sitta u erbgħin ittra "C" (146C); u mija u sitta u erbgħin ittra "D" (146D), eskluża l-arja tagħhom.

- **Proprjeta' li messet lill-Attur Noel Sciberras ma nbidlitx mil-lista pprovduta hawn fuq.**

- **Proprjeta' li messet lill-konvenuta Rosella Sciberras hija din l-insemmija:**

  a. **Fl-intier tagħhom is-segwenti:**

i. L-istudju li l-missier, in-Nutar Joseph Sciberras kellu fid-dar tal-abitazzjoni tiegħu, u ċioe' il-proprjeta' li għandha l-indirizz numru mitejn u tmienja u erbgħin (248) bl-isem Mater Alba, Triq il-Liedna, Fgura/Raħal Ġdid, kollox inkluż, inklużi d-dokumenti u l-kotba kollha u dak kollu li jigwarnixxi l-istess studju, flimkien mal-librerija eżistenti fl-istess studju, u fil-kamra adjaċenti u l-għamara kollha u attrezzi oħra inklużi magni ta' kkupjar u magni oħra simili, esklużi r-reġistri kollha tal-atti notarili *inter vivos* u *causa mortis* li l-istess Nutar Sciberras kellu fl-imsemmi uffiċċju tiegħu;

ii. L-iskrivanija li qiegħda fl-uffiċċju numru erbgħa u tletin (34),

Triq Santa Teresa, Cospicua;

iii. L-oġġetti kollha mobili, mobilja u kull ma jattrezza d-dar tal-abitazzjoni tal-ġenituri Mater Alba, numru mitejn u tmienja u erbgħin (248), Triq il-Liedna, Fgura/Raħal Ġdid flimkien mal-oġġetti kollha eżistenti fil-garaxx numru tnejn (2), Triq San Mikiel, Fgura/Raħal Ġdid, kollox inkluż, inklużi l-għamara, oġġetti mobili u dak kollu li jigwarnixxi l-istess dar u garaxx, ad esklużjoni tad-dokumenti notarili u ad esklużjoni tad-dokumenti u titoli rappreżentanti flus u ad esklużjoni wkoll tal-oġġetti tad-deheb u ħaġar prezzjuż;

iv. Is-sub dirett dominju annwu u perpetwu u subċens annwu u perpetwu relattiv ta' tmenin lira (Lm80) impost fuq l-appartament numru tnejn (2) li qiegħed fil-blokk ta' żewġ appartamenti, Triq il-Liedna, Fgura/Raħal Ġdid, numru mitejn u tnejn u ħamsin (252);

v. Is-sub dirett dominju annwu u perpetwu u subċens annwu u perpetwu relattiv ta' tmenin lira (Lm80) impost fuq it-terran li qiegħed San Pawl il-Baħar, Triq Parades, jismu 'Charles', numru mija u wieħed u erbgħin (141).

vi. Ir-reġistri kollha tal-atti notarili *inter vivos* u *causa mortis* li l-missier, in-Nutar Sciberras kellu fl-imsemmi uffiċċju tiegħu;

vii. Il-mezzanin sopran bl-arja tiegħu numru mitejn u tnejn u tletin (232) u l-garaxx sottopost għall-istess mezzanin numru mitejn u erbgħa u tletin (234), Triq is-Salini,

Marsascala.

**b. Mhux fl-intier tagħhom is-segwenti proprjeta':**

vii. Nofs is-sehem (1/2) tas-sub dirett dominju annwu u perpetwu u subċens annwu u perpetwu relattiv ta' tmenin lira (Lm80) impost fuq l-appartament numru wieħed (1) bl-isem 'Morning Star' li qiegħed fil-blokk ta' żewġ appartamenti, Triq il-Liedna, Fgura/Raħal Ġdid, numru mitejn u tnejn u ħamsin (252);

viii. Tlieta minn erbgħa sehem indiviż (3/4) tal-proprjeta' numru mitejn u tmienja u erbgħin (248) bl-isem Mater Alba, Triq il-Liedna, Fgura/Raħal Ġdid, flimkien mal-garaxx taħt l-istess dar tnejn (2) Triq San Mikiel, Fgura/Raħal Ġdid bil-ġnien anness u retropost għalihom, u l-garaxx bla numru maġenb il-garaxx numru tnejn (2), fi Triq San Mikiel, Fgura/Raħal Ġdid, flimkien mal-arja taż-żewġ garaxxijiet;

ix. Tliet kwarti tas-sehem indiviż (3/4) tal-oġġetti kollha tad-deheb, fidda u ħaġar prezzjuż li ma jissemmiex x'imkien ieħor f'dan it-testment tal-ġenituri;

x. Nofs is-sehem indiviż (1/2) tat-tliet stores li qegħdin il-Marsa, Cross Road, li jġibu rispettivament in-numri mija u sitta u erbgħin ittra "B" (146B); mija sitta u erbgħin ittra "C" (146C); u mija u sitta u erbgħin ittra "D" (146D), eskluża l-arja tagħhom.

Fir-rigward tal-oġġetti kollha tad-deheb, fidda u ħaġar prezzjuż li ma jissemma' xejn

fit-testment tal-ġenituri salv għal dak li ser jingħad aktar 'l isfel. Din il-Qorti setgħet biss teżamina t-testment *unica charta* li sar mill-ġenituri li b'referenza għal uħud minn dawn l-oġġetti jipprovdi li is-segwenti ġew imħollija lill-Attur Noel Sciberras:

i. Polka tad-deheb bl-arloġġ;
ii. Domna tal-Madonna fuq il-blu;
iii. Par 'links' tad-deheb;
iv. Ċurkett tal-engagement tal-irġiel bil-fossa tad-djamanti.

L-espert Pierre Grech Pillow fis-26 ta' Novembru 2013, ħejja lista ta' deheb, fidda u ħaġar prezzjuż (a fol. 179 sa 181). Għamel il-valutazzjoni ta' dawn l-oġġetti. Il-polka tad-deheb bl-arloġġ tinsab f'item 112 b'valur ta' Eur 600, il-par 'links' tad-deheb item 113 b'valur ta' Eur 200. Iż-żewġ oġġetti l-oħra li għandhom jappartjenu lill-Attur, mhux imsemmija. Fir-rigward ta' kif għandhom jinqasmu dawn l-oġġetti bejn ir-rikorrenti, Marica Buttiġieġ Sciberras, u l-intimata, Rosella Sciberras, m'hemm indikat f'ebda indikazzjoni. Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti tqis, illi l-aħwa għandhom jieħdu t-total tal-valur tal-oġġetti u jaqsmuhom skond is-sehem rispettiv tagħhom u jittellgħu bil-lot.

Fir-rigward taż-żewġ proprjetajiet in komuni bejn ir-rikorrenti, l-Attriċi Marica Buttiġieġ Sciberras, u l-intimata, Rosella Sciberras, tul il-kawża ma ġie nominat ebda espert sabiex jiddeċiedi kif għandha tinqasam tali proprjeta'. Il-Qorti ma għandha ebda prova li dawn m'humiex komodament diviżibbli. Għalhekk ikun jaqbel tibqa' komuni bejn il-partijiet. Tawgura li jsaltan is-sens komun u li ma jkomplux "jittorturaw lil xulxin" anke b'rispett tal-imħabba li kellhom il-ġenituri

tagħhom lejhom li ċertament ma kinux jixtiequ jaraw xi xorta ta' attrit bejn l-aħwa. Inoltre', il-proprjeta' bl-indirizz Mater Alba, numru 248, Triq il-Liedna, Fgura, tista' tinqasam bejn l-aħwa jew tkun mibjugħa lil terzi pero' dejjem soġġetta għad-dritt tal-abitazzjoni skond il-konċessjoni ta' dritt ta' abitazzjoni datata 14 ta' April 2000 fl-atti tan-Nutar Dr. Henry Saydon (a fol. 474 sa 476 u a fol. 612)

**L-assi tal-missier li hemm komuni bejn il-partijiet jinqasmu fi tliet partijiet bejn il-kontendenti.**

Din hija t-tielet talba Attriċi ġuramentata tagħhom ippreżentata fid-9 ta' Mejju 2012. Din it-talba għad-dritt li hi tgawdi ta' abitazzjoni tal-proprjeta' 248, Mater Alba, Triq il-Liedna, Raħal Ġdid, u dan skond l-att pubbliku tal-14 ta' April 2000 fl-atti tan-Nutar Dottor Henry Saydon.

L-atturi jsemmu biss l-assi tal-missier *stante* li huma rrinunzjaw għall-eredita' tal-omm. Dan ifisser li apparti l-lista tal-prelegati hawn fuq imsemmija, fil-fatt, hemm ukoll il-proprjeta' illi ma tħalliet lil ħadd mill-partijiet b'xi titolu partikulari ta' prelegat. Il-lista ta' din il-proprjeta' hija s-segwenti:

1. Il-mezzanin Ave Maria, Hompesch Road, Fgura;
2. Id-dar 18/19, Triq San Pawl Cospicua,
3. Żewġ plots (46 u 47) formanti parti mill-għalqa tan-Nadur, fi Triq il-Qaliet, Marsaskala,
4. Il-qabar numru 23, diviżjoni punent, sezzjoni LA, kompartiment D, li qiegħed fiċ-Ċimiterju Santa Marija Addolorata, Raħal Ġdid, mhux imsemmi fl-ebda causa mortis tal-ġenituri u għalhekk qed ikun skartat,
5. In-nofs indiviż tal-qabar numru 22, diviżjoni punent, sezzjoni LA, kompartiment D, li qiegħed fiċ-Ċimiterju Santa Marija Addolorata, Raħal

Ġdid,

6. *Acquisition rent* ta' Eur 78.27 (LM 33.60) fuq il-fond 160, Triq il-Pellegrinaġġ, Cospicua.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel ukoll referenza għall-*causa mortis* tal-ġenituri fejn tikkonkludi li:

1. Il-mezzanin Ave Maria, Hompesch Road, Fgura kien parti mill-komunjoni tal-akkwisti li jinqasam nofs sehem indiviż bejn il-ġenituri b'dan illi pero' ir-rikorrenti rrinunzjaw għall-wirt tal-omm b'dan illi r-rikorrenti għandhom sest parti (1/6) kull wieħed minn din il-proprjeta' filwaqt illi l-intimata għandha erbgħa minn sitt partijiet (4/6) minn din l-imsemmija proprjeta';
2. Id-dar 18/19, Triq San Pawl Cospicua, kienet parti mill-komunjoni tal-akkwisti li tinqasam nofs sehem indiviż bejn il-ġenituri b'dan illi pero' ir-rikorrenti rrinunzjaw għall-wirt tal-omm b'dan illi r-rikorrenti għandhom sest parti (1/6) kull wieħed minn din il-proprjeta' filwaqt illi l-intimata għandha erbgħa minn sitt partijiet (4/6) minn din l-imsemmija proprjeta';
3. Żewġ plots (46 u 47) formanti parti mill-għalqa tan-Nadur, fi Triq il-Qaliet, Marsaskala, kienu parti mill-komunjoni tal-akkwisti li jinqasmu nofs sehem indiviż bejn il-ġenituri b'dan illi pero' ir-rikorrenti rrinunzjaw għall-wirt tal-omm b'dan illi r-rikorrenti għandhom sest parti (1/6) kull wieħed minn din il-proprjeta' filwaqt illi l-intimata għandha erbgħa minn sitt partijiet (4/6) minn din l-imsemmija proprjeta';
4. Il-qabar numru 23, diviżjoni punent, sezzjoni LA, kompartiment D, li qiegħed fiċ-Ċimiterju Santa Marija Addolorata, Raħal Ġdid, huwa parafernali tal-

missier fejn kellu s-sehem kollu b'dan illi allura ż-żewġ rikorrenti u l-intimata jmisshom terz (1/3) kull wieħed;

5. In-nofs indiviż tal-qabar numru 22, diviżjoni punent, sezzjoni LA, kompartiment D, li qiegħed fiċ-Ċimiterju Santa Marija Addolorata, Raħal Ġdid, huwa parafernali tal-missier fejn kellu nofs indiviż b'dan illi allura ż-żewġ atturi u l-konvenuta jmisshom sest (1/6) kull wieħed;
6. *Acquisition rent* ta' Eur 78.27 (LM 33.60) fuq il-fond 160, Triq il-Pellegrinaġġ, Cospicua kienet parafernali tal-missier b'dan illi kull parti minn din il-kawża għandha sehem ta' terz indiviż (1/3) kull wieħed.

**Il-Qorti tosserva li l-ebda espert ma ġie maħtur sabiex ikun stabbilit jekk dawn il-proprjetajiet humiex komodament diviżibbli.** F'dan ir-rigward artikolu 515 (1) tal-Kodiċi Ċivili, jipprovdi illi "*Meta l-beni in komun ma jistgħux jiġu maqsuma bla xkiel u bla ħsara, u ma tistax issir tpattija b'beni oħra in komun ta' xorta differenti iżda tal-istess valur, dawk il-beni jiġu mibjugħa b'liċitazzjoni sabiex jinqasam il-prezz tagħhom.*" Il-Qorti xorta waħda ser tkun qed tordna l-bejgħ bil-liċitazzjoni ta' dawn il-proprjetajiet b'dana li l-Perit li jkun maħtur sabiex jagħmel il-valutazzjonijiet ta' dawn il-proprjetajiet ai fini ta' bejgħ għandu wkoll jara jekk dawn il-proprjetajiet humiex komodoment divisibbli. Jekk fl-affermattiv il-liċitazzjoni tieqaf hemm u l-partijiet ikunu liberi li jimxu kif l-aħjar għandhom jimxu għad-diviżjoni materjali tal-imsemmija proprjeta' bejniethom.

Il-Qorti tinnota wkoll illi r-rikorrenti semmew il-qabar fiċ-ċimiterju Santa Marija Addolorata, Raħal Ġdid, bħala proprjeta' parafernali tal-omm, Rosanna Sciberras. Din il-proprjeta' ma tidhirx fil-*causa mortis* tal-omm hawn fuq imsemmija, għalhekk

din il-Qorti ser tiskarta din l-imsemmija proprjeta'. Pero' jekk dan il-qabar tassew jeżisti ma hemm xejn xi jżomm lill-partijiet li jagħmlu użu skond kif tipprovdi l-liġi speċjali dwar id-dfin ta' mejtin (Kap 17 u 18 tal-Liġijiet ta' Malta).

**3. Likwidazzjoni tas-sehem riservat spettanti lil kull wieħed u waħda mill-Atturi mill-assi ereditarji tal-omm tal-partijiet, Rosanna Sciberras**

Jibda biex jingħad li fir-risposta ġuramentata tagħha l-konvenuta ma oġġezzjonatx għal din it-talba. L-Atturi qatt ma rrinunzjaw għall-wirt tal-missier. L-atturi għamlu din ir-rinunzja ai termini tal-Artikoli 860 u 861 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront biss tal-eredita' tal-omm.

Di pju' l-Attur Noel Sciberras permezz ta' nota tat-28 ta' Jannar 2016 ċeda s-seba' u t-tmien talbiet sa fejn jirrigwardaw lilu (a fol. 378). Dawn it-talbiet jirrigwardaw il-likwidazzjoni tas-sehem riżervat u sabiex il-Qorti tikkundanna lilll-Attriċi tħallsu kull ammont.

Sa fejn jirrigwardja s-sehem riservat il-Qorti tqies li l-Liġi hija ċara kif dan għandu jinħadem. Issir referenza għas-Sentenza fl-ismijiet **John Ellul vs Maria Parnis, Victoria Agius u Assuero Ellul tal-15 ta' Ġunju 2023, Prim'Awla Qorti Ċivili** fejn hemm spjega ċara ta' dan l-Istitut tal-Liġi, Artikolu 616 (1) jipprovdi li "*is-sehem riżervat li jmiss lit-tfal kollha, kemm jekk imnissla jew imwielda matul iż-żwieġ jew imnissla jew imwielda barra miż-żwieġ jew adottati, għandu jkun terz tal-valur tal-beni jekk dawk it-tfal ma jkunux iżjed minn erba' fl-għadd jew nofs ta' dak il-valur jekk ikunu ħamsa jew iżjed.*" Dan ifisser li *stante* li fil-kawża tal-lum hemm tliet aħwa,

is-sehem riżervat lil kull wild huwa sehem ta' wieħed minn disa' partijiet indiviżi (1/9). Kif għandu jitħallas dan is-sehem riżervat huwa regolat bl-Artikolu 615 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, illi huwa ċar fejn jipprovdi li dan is-sehem riżervat "*huwa kreditu tal-valur tas-sehem riżervat kontra l-beni tal-mejjet. Imgħaxijiet bir-rata stabbilita fl-artikolu1139 għandhom jiġu miżjuda ma' dak il-kreditu mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni jekk is-sehem riservat jintalab fi żmien sentejn minn dik id-data, jew mid-data tan-notifika ta' att ġudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jkun għadda dak il-perjodu ta' sentejn.*"

Qabel ma din il-Qorti tinbarka fuq il-valutazzjoni tal-proprjeta' kollha tal-omm, għandu jkun riċerkat liema parti mill-proprjeta' kollha li kellha l-omm.

Artikolu 620 tal-Kodiċi Ċivili jirregola dan il-punt legali. Qabel kollox is-sub artikolu 2 jipprovdi li "*Is-sehem riżervat jiġi kalkolat fuq l-assi kollha, wara li jitnaqqsu d-djun tal-assi u l-ispejjeż tal-funerali.*" F'dan ir-rigward, il-konvenuta ma ġabet ebda prova ta' djun u lanqas spejjeż tal-funeral. Għalhekk dan it- naqqis ma jistax isir f'dan il-każ. Dawn il-Qrati jirribadixxu l-prinċipju "*Illi jsegwi li idealment il-leġittima trid tingħata in natura (Wismayer et vs Wismayer et (PA 22/05/1950 Kollez. Vol. XXXIV.ii.574), jiġifieri tkun magħmula minn fost il-ħwejjeġ mill-ġid tal-mejjet li jew jkunu għadhom jagħmlu parti mill-assi tiegħu mal-mewt, jew ikunu ddaħħlu idealment lura fil-wirt jekk il-mejjet ikun matul ħajtu iddispona b'liberalita minn iżjed minn dak li tagħtih il-liġi. Is-sehem riżervat jinħadem fuq il-wirt kollu (magħdud dak li t-testatur ikun ta b'xejn matul ħajtu wkoll bi ħsieb ta' żwieġ (art. 620(3) tal-Kap. 16), wara li jitnaqqsu d-djun u l-ispejjez tal-*

*funeral (art. 620(2) tal-Kap. 16) u dak il-ġid kollazzjonabbli li l-leġittimarju ikun ħa mingħand it-testatur (art. 620(4) tal-Kap. 16), u tingħata fi proprjeta sħiħa meħlusa minn kull piz jew kondizzjoni (art. 620(1) tal-Kap. 16). Fuq kollox, is-sehem rizervat jiġi mgħoddi b'assenjazzjoni u mhux bit-tlugħ tax-xorti (Scicluna et vs Meli et (PA 07/01/1967 Kollez. Vol: LI.ii.696)* (Ara **Sentenza tat-22 ta' Ġunju, 2023. Fl-ismijiet Maria Concetta sive Mari Shires v. Joseph Bonello, Qorti tal-Appell Superjuri**).

Għalhekk insibu li s-sub artikolu 3 jipprovdi li *"(3) Fl-assi jidħol dak kollu li minnu t-testatur, b'titolu gratuwitu, ukoll f'kontemplazzjoni ta' żwieġ, ikun iddispona favur ta' xi ħadd, minbarra l-ispejjeż tal-edukazzjoni tal-tfal jew dixxendenti oħra*." Għalhekk kull proprjeta' li ngħatat lil kull wieħed u waħda mill-aħwa b'titolu ta' donazzjoni għandha tkun imputata lill-massa ereditarja f'dan il-każ tal-omm. Fost it-trasferimenti li saru f'ħajjet it-testaturi:

a. Garaxx nofsu msaqqaf bla numru u bla isem f'St. Michael Street flimkien ma' biċċa ġnien magħluq u aċċessibbli biss minn dan l-imsemmi garaxx u żewġ garaxxijiet li jinsabu fejn dan l-istess garaxx illi kienu trasferiti lir-rikorrenti Marica Buttiġieġ Sciberras taħt titolu ta' donazzjoni b'att datat 18 ta' Novembru 2003 fl-atti tan-Nutar Dr. William Azzopardi (a fol. 80 sa 82 u a fol. 510 sa 516),
b. Appartament numru 1 fl-ewwel sular tal-blokk ta' żewġ appartamenti numru 252, Liedna Street, Fgura bl-isem 'Morning Star' bil-komun u l-arja tal-bejt in komun ma' appartament sovrapost u liema appartament kien trasferit lill-Attriċi Marica Buttiġieġ Sciberras taħt titolu ta' subenfitewsi perpetwa mill-ġenituri tagħha fis-27 ta' Ġunju 1991 fl-atti tan-Nutar Dr. Carmelo Gafa' u

liema kopja tal-kuntratt tinsab a fol. 83 sa 85 u 194 sa 196 u 608 sa 612;

c. Terran bieb għalih numru 250 bl-isem 'Nid d'Amour', Liedna Street, Fgura fl-ewwel sular tal-blokk ta' żewġ appartamenti numru 252, Liedna Street, Fgura, u liema proprjeta' kienet trasferita lir-rikorrenti Noel Sciberras taħt titolu ta' subenfitewsi perpetwa mill-ġenituri tiegħu fit-23 ta' Ġunju 1992 fl-atti tan-Nutar Dr. Carmelo Gafa' u liema kopja tal-kuntratt tinsab a fol. 86 u 87 u 192 u 193.

d. L-appartament numru tnejn (2) li qiegħed fil-blokk ta' żewġ appartamenti, Triq il-Liedna, Fgura/Raħal Ġdid, numru mitejn u tnejn u ħamsin (252) li ingħata lill-konvenuta, Rosella Sciberras.

F'dan ir-rigward, pero', il-Qorti trid tħares ukoll lejn l-Artikolu 914 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, jipprovdi li "*Il-ħelsien mill-kollazzjoni jista' jiġi mogħti fl-att stess li bih issir id-donazzjoni, jew b'att wara li jkollu l-formalitajiet meħtieġa sabiex id-donazzjonijiet jew it-testmenti jkunu validi*" b'dan illi din il-Qorti tikkonkludi li huwa minnu li kif qalet l-Attriċi, Marica Buttiġieġ Sciberras, fin-nota minnha ppreżentata fl-4 ta' Lulju 2014, u li tinsab a fol. 184 u 185, illi l-ġenituri kitbu fit-testment *unica charta* tagħhom datat 14 ta' April 2000, il-klawsola tlieta li tipprovdi li "*Il-kontestaturi jeżentaw lil uliedhom kollha subien u bniet mill-obbligu li jikkonferixxu fil-massa ereditarja u li jinputaw għal sehemom fid-diviżjoni u likwidazzjoni ta' l-assi ereditarju tagħhom dak kollu li dawn l-istess uliedhom jkunu ħadu mingħandhom bi kwalunkwe titolu, kawża jew għal kwalsiasi raġuni*" (a fol. 18, fost oħrajn). Pero' l-Artikolu tal-Liġi hawnhekk imsemmi jgħid ċar u tond illi tali eżenzjoni mill-kollazzjoni trid tkun jew ġejja mill-kuntratt tad-donazzjoni nnifsu jew jekk il-kuntratt tad-

donazzjoni ma jipprovdix għal dan, jew isir kuntratt wara l-kuntratt tad-donazzjoni sabiex jipprovdi għal din l-eżenzjoni.

B'dan illi din il-Qorti kkonkludiet is-segwenti:

a. Garaxx nofsu msaqqaf bla numru u bla isem f'St. Michael Street flimkien ma' biċċa ġnien magħluq u aċċessibbli biss minn dan l-imsemmi garaxx u żewġ garaxxijiet li jinsabu fejn dan l-istess garaxx illi kienu trasferiti lir-rikorrenti Marica Buttiġieġ Sciberras taħt titolu ta' donazzjoni mill-ġenituri tagħha, u dan skond dan il-kuntratt ta' donazzjoni datat 18 ta' Novembru 2003 fl-atti tan-Nutar Dr. William Azzopardi. Kopja ta' dan il-kuntratt tinsab a fol. 80 sa 82 u a fol. 510 sa 516. Dan il-kuntratt sar wara t-testment tal-ġenituri li kien jipprovdi għal din l-eżenzjoni b'dan illi pero', l-omm għamlet żewġ testmenti oħra wara d-data tal-kuntratt tad-donazzjoni hawnhekk imsemmi fejn ikkonfermat il-klawsoli kollha tat-testment *unica charta* <u>b'dan illi dawn it-testmenti jeżentaw dan is-sehem mill-kollazzjoni li kien ġej mill-omm.</u>
b. Appartament numru 1 fl-ewwel sular tal-blokk ta' żewġ appartamenti numru 252, Liedna Street, Fgura bl-isem 'Morning Star' bil-komun u l-arja tal-bejt in komun ma' appartament sovrapost u liema appartament kien trasferit lir-rikorrenti Marica Buttiġieġ Sciberras taħt titolu ta' subenfitewsi perpetwa mill-ġenituri tagħha fis-27 ta' Ġunju 1991 fl-atti tan-Nutar Dr. Carmelo Gafa' u liema kopja tal-kuntratt tinsab a fol. 83 sa 85 u 194 sa 196 u 608 sa 612. Tali kuntratt ta' donazzjoni sar qabel it-testment *unica charta* tal-ġenituri imsemmi b'dan illi **dan il-kuntratt ta' donazzjoni jgawdi pjenement mill-eżenzjoni tal-kollazzjoni;**
c. Terran bieb għalih numru 250 bl-isem 'Nid d'Amour', Liedna Street, Fgura fl-

ewwel sular tal-blokk ta' żewġ appartamenti numru 252, Liedna Street, Fgura, u liema proprjeta' kienet trasferita lir-rikorrenti Noel Sciberras taħt titolu ta' subenfitewsi perpetwa mill-ġenituri tiegħu fit-23 ta' Ġunju 1992 fl-atti tan-Nutar Dr. Carmelo Gafa' u liema kopja tal-kuntratt tinsab a fol. 86 u 87 u 192 u 193. Dan il-kuntratt ta' donazzjoni sar qabel it-testment *unica charta* tal-ġenituri imsemmi b'dan illi **dan il-kuntratt ta' donazzjoni jgawdi pjenement mill-eżenzjoni tal-kollazzjoni;**

d. L-appartament numru tnejn (2) li qiegħed fil-blokk ta' żewġ appartamenti, Triq il-Liedna, Fgura/Raħal Ġdid, numru mitejn u tnejn u ħamsin (252) li ingħata lill-intimata, Rosella Sciberras. Din il-kopja tal-insinwa tinsab a fol. 161 li turi li dan il-kuntratt ta' donazzjoni sar fit-30 ta' Ottubru 1992. Dan il-kuntratt ta' donazzjoni sar qabel it-testment *unica charta* tal-ġenituri imsemmi b'dan illi **tali kuntratt ta' donazzjoni jgawdi pjenement mill-eżenzjoni tal-kollazzjoni.**

Kwantu għall-prelegati dawn iridu jkunu magħduda mal-proprjeta' tal-omm, kemm -il darba il-valur tal-prelegat jaqbeż il-valur globali tal-omm, u dan skond l-Artikolu 938 (1) tal-Kodiċi Ċivili. Dan l-artikolu huwa spjegat fis-**Sentenza fl-ismijiet Joe D'Amico -vs- David D'Amico et. tas-26 ta' Ġunju 2009, Qorti tal-Appell**

Għaldaqstant il-valur tal-assi kollha tal-omm huma s-segwenti:

1. Proprjeta' Immobbli hekk kif spjegat aktar 'l fuq – Eur 976,000.00;
2. Proprjeta' mobbli eskluż flejjes bil-banek u investimenti – Eur 18,427.50;
3. Flejjes depożitati fil-banek – Eur 84,315.37;
4. Investimenti – Eur 5,774.60;
5. Kirjiet – Eur 27,204.47.

Total – Eur 1,111,724.94. B'dan illi s-sehem riżervat ta' kull wieħed u waħda mill-aħwa jammonta għal Eur 123,524.99.

5. **Il-konvenuta Rosella Sciberras, kif diġa rilevat aktar 'l fuq hija obbligata li tħallas is-sehem riżervat lir-rikorrenti, Marica Buttiġieġ Sciberras, jekk jirriżulta li hemm il-bżonn skond il-Liġi**

Mis-somma kumplessiva ta' **Eur 123,524.99** jrid tnaqqas l-ammont ta' Eur 8,433.64 li l-Attriċi diġa' ħadet tul il-ħajja ta' ommha, hekk kif spjegat iktar 'l fuq, għalhekk is-sehem riżervat tar-rikorrenti, Marica Buttiġieġ Sciberras, jammonta għal **Eur 115,091.35.** Dan huwa wkoll konformi mal-artikolu 620 (4) tal-Kodiċi Ċivili, li jipprovdi "*(4) Dak li jmissu s-sehem riżervat għandu jaqta' minnu dak kollu li jkun ħa mingħand it-testatur u li jkun suġġett għall-kollazzjoni taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 913 sad-938*."

Il-konvenuta tikkontendi li mis-sehem riżervat illi hija intitolata għalih l-Attriċi, Marica Buttiġieġ Sciberras, irid jinqata' l-ammont ukoll il-valur ekwivalenti ta' flus għas-serviġi li hija wettqet ma' ommha. Il-Qorti diversement presjeduta, fis-sentenza ***George u Maria Dolores konjuġi Ciantar Vs Bartolo Rena*** **26 ta' Marzu 2012, Qorti tal-Maġistrati (Malta)** irrimarkat illi "*Il-fatt illi titlob is-servigi tfisser illi l-persuna għall-oħra tkun qegħda tifhem li qegħda tingħata servizz, għal-liema servizz irid ikun hemm xi tip ta' ħlas*." Dak li l-Qrati jsejjħu speranza ta' ħlas kumpens sakemm ma jirriżultax per eżempju li dak li jkun qiegħed jirrendi s-servigi ikun qiegħed hekk jagħmlu b'rispetto jew imħabba lejn il-ġenitur u allura ex familiaritatis causa.

Fil-każ tal-lum mhux kontestat illi l-konvenuta kienet tieħu ħsieb lil ommha iktar mill-Attriċi Marica Buttiġieġ Sciberras. Dan ħareġ ċar mix-xhieda tat-tliet aħwa li l-konvenuta kienet baqgħet tgħix ma' ommha sakemm daħlet l-isptar f'dik is-sena li mietet (a fol. 657). Dan jgħid ukoll illi "*L-unika perjodu li għexet għandi b'dak il-mod dak kien, imma l-mama' ġieli ġiet torqod għandi, meta l-konvenuta kienet issifer. Pero' żgur ġiet għandi mill-isptar* …" (a fol. 657).

Ir-rikorrenti, Marica Buttiġieġ Sciberras, tgħid illi fil-verita' setgħet tmur tara lil ommha iżda tgħid ukoll illi "*jiena ma kontx immur għaliex il-konvenuta kienet tiġġieled miegħi, u ma tkellimnix, allura ma kontx nersaq 'l hemm biex nevita l-inkwiet* …" (a fol. 662). Xehdet ukoll illi "*Ġieli raqdet għandi meta kienet issifer il-konvenuta, jew toħroġ u ddum ħafna*" (a fol. 668).

L-Attur Noel Sciberras, jistqarr illi l-konvenuta Rosella Sciberras, kienet tieħu ħsieb ommhom iżda waqfet tagħmel dan f'April tas-sena 2011, u jispjega "*Irriżulta illi f'April qabel ma mietet il-mama', Rosella ġiegħlet … Hekk kif Rosella ħadet li riedet permezz tat-testment il-ġdid, ħarġet lil ommi mid-dar tagħha u tefgħetha l-isptar*" (a fol. 328 u 329). Huwa kompla jgħid li kienet oħtu Marica li ħarġet lil ommhom mill-isptar u ħadet ħsiebha fl-aħħar jiem ta' ħajjitha. Dr. Maria Dolores Gauci stqarret l-istess storja ta' Marica Buttiġieġ Sciberras u kkorroborat dak li qal Noel Sciberras fl-affidavit tiegħu (a fol. 413). Min-naħa l-oħra Grace Zammit tgħid illi omm l-aħwa kienet tgħid dwar Rosella "*kemm tieħu hsiebha.*" (a fol. 518). Il-konvenuta, Rosella Sciberras tikkonferma li meta l-omm kienet l-isptar, Marica ħarġet lil ommha mill-isptar u ħaditha għandha (a fol. 545 sa 551 u 547).

B'dan illi pero' mhux lanqas kontestat illi l-Attriċi Marica Buttiġieġ Sciberras, kienet

twassal lil oħtha u lill-ġenituri tagħha kull fejn kellhom bżonn, tenut kont tal-fatt, illi l-konvenuta Rosella Sciberras, ma ssuqx. Fil-fatt, ir-rikorrenti, l-Attriċi Marica Buttiġieġ Sciberras stqarret illi kienet twassalhom hi kullimkien u xi kultant ħuha. Dr. Maria Dolores Gauci kkorroborat dan il-fatt (a fol. 413). Din ix-xhud qalet ukoll illi kienet Marica li kienet iddur bil-ġenituri tagħha meta kellhom bżonn l-użu tal-karozza u li kienet tieħu lil ommha magħha meta kienet titla' l-Belt u li fil-*weekends* kienet tieħu ħsieb ukoll lil ommha, meta oħtha l-konvenuta kienet toħroġ. In oltre', Marica Buttiġieġ Sciberras tisisti, li Rosella Sciberras, qatt ma ħallset xejn kemm damet tgħix mal-ġenituri tagħha. Il-konvenuta Rosella Sciberras tikkonferma dan il-fatt, u ċioe', illi qatt ma ħallset ukoll kera b'dan illi tgħid ukoll illi għamlet xi spejjeż wara l-mewt tal-missier fil-proprjeta' 248, Mater Alba, Triq il-Liedna, Fgura/Raħal Ġdid (a' fol 545 sa 551).

Biss pero', il-punt ferm important huwa wieħed milil-konċessjonijiet fuq imsemmija li tipprovdi li "*Illi peress li l-imsemmija binthom id-Dottoressa Rosella Sciberras tabita fl-imsemmi fond u tippresta lill-istess ġenituri tagħa s-servigi kollha neċessarji. Għalhekk permess ta' dan l-att il-komparenti Nutar Joseph Sciberras u martu Rosanna Sciberras qed jikkonċedu u jikkostitwixxu a favur tal-istess binthom in-Nutar Rosella Sciberras aċċettanti d-dritt tal-abitazzjoni gratuita mil-lum 'l quddiem u għal matul iż-żmien kollu li hija tibqa' xebba, tad-dar bl-arja tagħha, u bil-garage anness magħha, li qegħda Fgura/Raħal Ġdid, Triq il-Liedna, numru mitejn u tmienja u erbgħin (248) jisimha "Mater Alba", kantuniera ma' Triq San Mikiel, numri erbgħa (4) u tnejn (2) bid-drittijiet u pertinenzi kollha tagħha…Għal fini tal-liġi tal-boll il-partijiet jiddikjaraw li l-valur tad-dritt ta' abitazzjoni hawn konċess jammonta għal*

*ħamest elef lira maltin (Lm5,000)…"* (a' 474 sa 476 u a fol. 612).

Il-konvenuta Rosella Sciberras, irċeviet ukoll mingħand ommha l-proprjeta' fl-intier tagħha numri 232 u 234, Triq is-Salini, Marsaskala, u fl-affidavit tagħha stess tgħid illi "*Rigward il-post ta' Marsaskala, Triq is-Salini numri 232 u 234, irrid ngħid li l-mama' dejjem kienet tgħidli li trid tħallih lili għax lili kienet qed issib.*" (a fol. 545 sa 551).

Fir-rigward tal-punt in diskussjoni din il-Qorti tosserva li l-missier miet fid-29 ta' Diċembru 2003 (a fol. 5). L-omm mietet fid-19 ta' Lulju 2011 (a fol. 6). F'kuntest ta' żmien Noel Sciberras jistqarr illi l-konvenuta Rosella Sciberras, li kienet tieħu ħsieb lil ommhom waqfet milli tagħmel dan f'April tas-sena 2011 u li "*Irriżulta li f'April qabel ma mietet il-mama', Rosella ġiegħlet … Hekk kif Rosella ħadet li riedet permezz tat-testment il-ġdid, ħarġet lil ommi mid-dar tagħha u tefgħetha l-isptar*" (a fol. 328 u 329). It-testment in kwistjoni huwa datat 11 ta' April 2011 (a fol. 24). Mill-provi jirriżulta ċar illi dawn id-dati huma korretti u jikkombaċċjaw man-narrativa tal-konvenut.

Pero', din il-Qorti ħarset lejn is-sentenza **Maria Lourdes Brincat -vs- Giuseppe bin Giuseppe u b'digriet tat-30 ta' Ġunju 2003 l-atti ġew trasfużi f'isem Salvatore sive Salvu u Anthony sive Twanny, aħwa Brincat et tad-29 ta' Novembru 2013, Qorti tal-Appell**, għaliex il-fatti huma simili għall-każ in eżami. Il-Qorti qalet illi "*Għalhekk f'dan il-każ, peress li jidher mill-provi li l-appellata kienet tgħix mal-ġenituri tagħha, il-Qorti jidhrilha li għandha tibbaża l-kalkolazzjoni tagħha fuq is-somma ta' €15 fil-ġimgħa bħala medja għall-perjodu in kwistjoni (tlettax -il sena bejn 1964 u 1977) li jfisser total ta' €13,520.*" Din il-Qorti wkoll qalet illi l-Qorti trid tqis *"(i) il-grad ta' qrubija bejn min jaqdi u l-persuna mgħejjuna; "(ii) il-frekwenza*

*tas-servigi mogħtija; "(iii) in-natura tas-servigi magħmula; "(iv) il-kedda u t-tbatija involuti biex jingħataw is-servigi li dwarhom jintalab kumpens; "(v) il-grad ta' ħila jew speċjaliżazzjoni meħtieġa biex jingħataw tali servigi; "(vi) jekk mal-għoti tas-servigi l-persuna tkunx ukoll daħlet fi spejjez jew infieq minn butha; "(vii) il-mezzi tal-persuna li bbenefikat mill-prestazzjonijiet*" meta tikkalkula l-likwidazzjoni ta' kumpens tas-serviġi mogħtija.

B'dan ifisser illi l-ammont tas-serviġi li hija intitolata l-konvenuta Rosella Sciberras, ġie pjenament sodisfatt. B'dan ukoll ifisser illi skond iż-żewġ testmenti, u ċioe',

1. Testment tal-omm, Rosanna Sciberras, tat-23 ta' Ottubru 2004 illi jipprovdi li Rosanna Sciberras qed tħalli b'titolu ta' prelegat lil bintha, Rosella Sciberras, id-dar li qegħda l-Fgura/Raħal Ġdid, Triq il-Liedna, numru mitejn u tmienja u erbgħin (248) bl-isem Mater Alba fejn l-imsemmi sehem fis-sena 2011 kien ta' **Eur 200,000**;
2. Testment ta' Rosanna Sciberras tal-11 ta' April 2011 illi jipprovdi li Rosanna Sciberras qed tħalli b'titolu ta' prelegat lil bintha, Rosella Sciberras, il-mezzanin sopran bl-arja tiegħu numru mitejn u tnejn u tletin (232) u l-garaxx sottopost għall-istess mezzanin numru mitejn u erbgħa u tletin (234), Triq is-Salini, Marsaskala, fejn l-imsemmi sehem tal-omm kien ta' **Eur 320,000**.

U dawn skond il-valutazzjonijiet imsemmija taħt in-numru 1 hawn fuq.

Għalhekk jidher ċar illi l-intimata, Rosella Sciberras, tħallset sew tas-serviġi minnha mogħtija lil ommha. Ma jistax ma jissemmiex ukoll illi Rosella Sciberras, qed tgawdi mid-dritt tal-abitazzjoni fil-proprjeta' 248, Mater Alba, Triq il-Liedna, Fgura/Raħal Ġdid. B'dan ukoll ifisser, illi għalkemm ir-rikorrenti għandhom sehem indiviż minn din il-proprjeta' ma jistgħux liberalment jagħmlu dak li jridu b'dan is-sehem.

B'dan li għaldaqstant ifisser li din il-Qorti qed tiddeċiedi li l-intimata, Rosella Sciberras, qed tkun ordnata li tħallas lil oħtha r-rikorrenti, Marica Buttiġieġ Sciberras, is-sehem riżervat fl-ammont ta' **Eur 115,091.35.**

Il-Qorti trid ukoll tapplika dak provdut fl-Artikolu 615 (2) tal-Kodiċi Ċivili tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex jaħdem l-ammont ta' imgħax dovut mill-konvenuta Rosella Sciberras, lir-rikorrenti, Marica Buttiġieġ Sciberras, fuq l-ammont hawn imsemmi bħala sehem riżervat, illi jipprovdi li "*L-imsemmi jedd huwa kreditu tal-valur tas-sehem riżervat kontra l-beni tal-mejjet. Imgħaxijiet bir-rata stabbilita fl-artikolu 1139 għandhom jiġu miżjuda ma' dak il-kreditu mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni jekk is-sehem riżervat jintalab fi żmien sentejn minn dik id-data, jew mid-data tan-notifika ta' att ġudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jkun għadda dak il-perjodu ta' sentejn.*" B'dan ifisser illi dan l-imgħax beda jkun dekorribbli mid-data tal-mewt tal-omm, u ċioe', mid-19 ta' Lulju 2011 (a fol. 6) u dan għaliex il-ftuħ tas-suċċessjoni tfisser mid-data tal-mewt tal-persuna meta l-Attriċi Marica Buttiġieġ Sciberras, intavolat din il-kawża fid-9 ta' Mejju 2012. Dan ifisser fi żmien sentejn mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni. Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti tħoss li r-rata ta' imgħax għandha tkun ta' 5%.

## Deċide

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qegħdha taqta' u tiddeċiedi l-kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti** sa fejn dan kien possibli mid-dokumentazzjoni ppreżentata mill-partijiet peress illi l-proprjeta' tal-missier ma setgħetx tkun kollha likwidata għall-fatt illi ma ngħatawx valuri fuq proprjetajiet li ma kien hemm ebda kontestazzjoni dwarhom filwaqt li l-atturi rrinunzjaw biss għall-wirt

tal-omm, hekk kif spjegat ukoll hawn fuq. B'dan illi din il-Qorti tilqa' l-ewwel talba bil-mod segwenti:

A. Likwidazzjoni tal-proprjeta' kollha tal-omm:

- **Lista tal-proprjeta' u l-likwidazzjoni tal-proprjeta' immobbli li kienet tappartjeni lill-omm fil-jum tal-mewt tagħha**

1. Is-sehem sħiħ tal-mezzanin u l-garaxx 232 u 234, Triq is-Salini, Marsaskala, b'dan illi l-valur medju għandu għaldaqstant ikun ta' tlett mija u għoxrin elf ewro (**€320,000)**.
2. Nofs sehem indiviż (1/2) tad-dar Mater Alba, 248, Liedna Street, Fgura, flimkien mal-garaxx taħt l-istess dar bin-numru 2, Triq San Mikiel, Fgura fejn il-valur tal-proprjeta' fl-4 ta' Diċembru 2012, u ċioe' meta sar l-aċċess, kien ta' mitejn elf ewro (**€200,000.00)**.
3. Nofs sehem indiviż (1/2) tal-mezzanin Ave Maria, Hompesch Road, Fgura fejn il-valur tal-proprjeta' fl-1 ta' Ottubru 2012, u ċioe' meta sar l-aċċess, kien ta' wieħed u erbgħin elf ewro (**€41,000.00)**.
4. Nofs sehem indiviż (1/2) tad-dar 18/19, Triq San Pawl, Cospicua fejn il-valur tal-proprjeta' fl-1 ta' Ottubru 2012, u ċioe' meta sar l-aċċess, kien ta' tnax -il elf u ħames mitt ewro (**€12,500.00)**.
5. Nofs sehem indiviż (1/2) taż-żewġ plots (46 u 47) formanti parti mill-għalqa tan-Nadur, fi Triq il-Qaliet, Marsaskala fejn il-valur tal-proprjeta' fl-1 ta' Ottubru 2012, u ċioe' meta sar l-aċċess, kien ta' mitejn u għaxart elef ewro (**€210,000.00)**.
6. Nofs sehem indiviż (1/2) tas-sub dirett dominju annwu u perpetwu u subċens annwu u perpetwu relattiv ta' mija, sitta u tmenin ewro u ħamsa u

tletin ċenteżmu (€186.35) (LM 80.00) impost fuq 252/2, Liedna Street, Fgura fejn il-valur tal-proprjeta' fl-1 ta' Ottubru 2012, u ċioe' meta sar l-aċċess, kien ta' tnejn u sittin elf u ħames mitt ewro (**€ 62,500.00)**.

7. Nofs sehem indiviż (1/2) tas-Sub dirett dominju annwu u perpetwu u subċens annwu u perpetwu relattiv ta' mija, sitta u tmenin ewro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€186.35) (LM 80.00) impost fuq 252/1, Liedna Street, Fgura fejn il-valur tal-proprjeta' fl-1 ta' Ottubru 2012, u ċioe' meta sar l-aċċess, kien ta' tnejn u sittin elf u ħames mitt ewro (**€62,500.00)**.
8. Nofs sehem indiviż (1/2) tas-sub dirett dominju annwu u perpetwu u subċens annwu u perpetwu relattiv ta' mija, sitta u tmenin ewro, ħamsa u tletin ċenteżmu (€186.35) (LM 80.00) impost fuq 250, Liedna Street, Fgura fejn il-valur tal-proprjeta' fl-1 ta' Ottubru 2012, u ċioe' meta sar l-aċċess, kien ta' sebgħa u sittin elf u ħames mitt ewro (**€67,500.00)**.

**B'dan illi l-valur globali huwa ta' disgħa mija u sitta u sebgħin elf ewro (€976,000.00).**

- **Lista tal-proprjeta' u l-likwidazzjoni tal-proprjeta' mobbli fejn l-omm kellha s-sehem ta' nofs indiviż (1/2):**

1. Entrata – żewġ pultruni, senduq, computer unit, sitt inkwatri tal-grammastri, żewġ inkwatri mdaqsin bil-frame oħxon, sebgħa inkwatri żgħar, arloġġ tal-kampnar, żewġ hangers, heater, dehumidifier, mejda tonda, lampa.
2. Taraġ – erbgħa inkwatri kbar.
3. Setaħ – mejda tonda, gradenza, arloġġ, ħdax -il inkwatru żgħar, żewġ handers, mejda żgħira.
4. Kamra tas-sodda – Kurċifiss, inkwatru b'xena tal-kampanja, żewġ inkwatri

żgħar ħodor, air conditioner, dehumidifier, lampa żgħira.

5. Kċina/kamra tal-ikel – mejda tonda, magna singer, vertina, TV żgħir, bomblu tal-fuħħar, freezer (ma jaħdimx), żewġ bombli kuluriti, għaxar ħdejjed tal-mogħdija żgħar, bank tal-kċina, mejda.
6. Waiting room – coffee table, mera gilded kbira u oħra żgħira, cocktail cabinet, TV Grundig, TV table, inkwatru tar-Ragħaj it-Tajjeb (ta' Ġesu'), arloġġ tal-ħajt.
7. Uffiċċju – bookcase paper shelves, tliet arloġġi, frame.
8. Kurudur fuq – żewġ imwejjed nofs tond, wallunit, żewġ bombli, erbgħa inkwatri żgħar, inkwatru mdaqqas bi frame oħxon, żewġ inkwatri bil-fjuri, inkwatru tal-papa'.
9. Kamra tas-sodda żgħira – sodda tal-wieħed, pultruna, inkwatru tad-duluri, komodina.
10. Spare bedroom – żewġ komodini, gwardarobba, tallboard, twaletta, gradenza, sitt siġġijiet, fan, air conditioner, TV (ma jaħdimx).
11. Main bedroom – twaletta, gwardarobba, żewġ komodini, gradenza, sodda, żewġ siġġijiet, pultruna, arloġġ u vażuni taċ-ċaqquff, inkwatru tal-qalb ta' Ġesu' u ta' Marija.
12. Librerija – bookshelves, mejda żgħira, pultruna, inkwatru tat-tieġ, stereo u żewġ speakers.
13. Kamra tat-tfal – żewġ sodod, gradenza, gwardarobba, żewġ siġġijiet tal-kulur abjad.
14. Sala - mejda biskuttin, TV antik, żewġ imwejjed żgħar, sottospecchio, salott tas-satin aħdar (sufan, żewġ pultruni, żewġ lady chairs), coffee table, żewġ

corners, inkwatru bix-xena ta' l-Ispirtu s-Santu, sitt inkwatri żgħar, żewġ mirja bil-brazzi, ħames inkwatri żgħar ħafna, lampa.

15. Kamra tal-pranzu – mejda, erbgħa siġġijiet, żewġ pultruni, sideboard, tlett platti tal-injam, żewġ bozoz bil-fjuri, pittura b'xena tal-Imdina, vetrina tat-tazzi.
16. Fidda – tliet frames żgħar, frame ritratt tat-tieġ, tmien frames żgħar daqs ta' ritratt normali, cigarette case, żewġ gandlieri bi (three) 3 silver plated, coffee set, disa' frames sliver plated, square tray disinn imtaqqab, frame tifel tal-preċett, frame koppja tat-tieġ, frame Kunċizzjoni żgħir, frame tifel tal-preċett (no. 2), silver plated tray tal-ħelu, frame tifel tal-kampanja, frame tieġ (3), żewġ oval frames.
17. Uffiċċju – tlett chests of drawers tal-ħadid u mejda.
18. Sala – żewġ imwejjed gilded, żewġ gandlieri.
19. Kamra tal-pranzu – arloġġ.
20. Fidda – inċensier.
21. Kurudur fuq – gradenza tal-komunjoni tal-akkwisti.
22. Kamra tas-sodda żgħira – skrivanija tal-komunjoni tal-akkwisti.
23. Sala – pjanu.

Ma' din il-lista, hemm biss it-tallbaord illi hija tal-omm u li għaldaqstant ma tifformax parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

**B'dan illi s-sehem tal-omm jammonta għal Eur 18,427.50.**

- **Lista tal-proprjeta' u l-likwidazzjoni tal-proprjeta' mobbli li kienet tappartjeni lill-omm konsistenti fi flejjes fil-Banek, isħma u kirjiet:**

1. Bank of Valletta plc – il-valur globali ta' dawn il-flejjes huwa ta' tnejn u tletin

elf, ħamsa u erbgħin ewro u disgħa u tmenin ċenteżmu (**€32,045.89)**.

2. HSBC Bank Malta plc – il-valur globali ta' dawn il-kontijiet huwa ta' tnejn u ħamsin elf, mitejn, disgħa u sittin ewro, tmienja u erbgħin ċenteżmu (**€52,269.48)**.
3. Malta Stock Exchange plc –
    a. Bank of Valletta plc Ordinary Shares huwa ta' elf, mija, tnejn u tmenin ewro u sittin centeżmu (**€1,182.60)** fuq l-ammont ta' 438 isħma;
    b. HSBC Bank Malta Ordinary Shares huwa ta' erbat elef, ħames mija, tnejn u disgħin ewro (**€4,592)** fuq l- ammont ta' 1,600 isħma.
4. Kirjiet - l-ammont maħdum globali tal-kirjiet huwa ta' sebgħa u għoxrin elf, mitejn u erbgħa ewro u sebgħa u erbgħin ċeteżmu (**€27,204.47)**.

Għaldaqstant, il-valur globali tal-likwidazzjoni tal-assi tal-omm jammonta għal miljun, mija u għaxart elef, sebgħa mija u wieħed u għoxrin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (**€<u>1,111,721.94</u>)**.

B. Likwidazzjoni tal-proprjeta' kollha tal-missier:

- **Lista tal-proprjeta' u l-likwidazzjoni tal-proprjeta' immobbli li kienet tappartjeni lill-missier fil-jum tal-mewt tiegħu**

1. Nofs sehem indiviż (1/2) tad-dar Mater Alba, 248, Liedna Street, Fgura. flimkien mal-garaxx taħt l-istess dar bin-numru 2, Triq San Mikiel, Fgura fejn il-valur tal-proprjeta' fejn il-valur tal-proprjeta' fl-4 ta' Diċembru 2012, u ċioe' meta sar l-aċċess, kien ta' mitejn elf ewro (**€200,000.00)**.
2. Nofs sehem indiviż (1/2) tal-mezzanin Ave Maria, Hompesch Road, Fgura fejn il-valur tal-proprjeta' fl-1 ta' Ottubru 2012, u ċioe' meta sar l-aċċess, kien

ta' wieħed u erbgħin elf ewro (**Eur 41,000.00)**.

3. Nofs sehem indiviż (1/2) tad-dar 18/19, Triq San Pawl, Cospicua fejn il-valur tal-proprjeta' fl-1 ta' Ottubru 2012, u ċioe' meta sar l-aċċess, kien ta' tnax -il elf u ħames mitt ewro (**€12,500.00)**.
4. Nofs sehem indiviż (1/2) taż-żewġ plots (46 u 47) formanti parti mill-għalqa tan-Nadur, fi Triq il-Qaliet, Marsaskala fejn il-valur tal-proprjeta' fl-1 ta' Ottubru 2012, u ċioe' meta sar l-aċċess, kien ta' mitejn u għaxart elef ewro (**€210,000.00)**.
5. Nofs sehem indiviż (1/2) tas-subdirett dominju annwu u perpetwu u subċens annwu u perpetwu relattiv ta' mija u sitta u tmenin ewro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€186.35) (LM 80.00) impost fuq 252/2, Liedna Street, Fgura fejn il-valur tal-proprjeta' fl-1 ta' Ottubru 2012, u ċioe' meta sar l-aċċess, kien ta' tnejn u sittin elf u ħames mitt ewro (**€62,500.00)**.
6. Nofs sehem indiviż (1/2) tas-sub dirett dominju annwu u perpetwu u subċens annwu u perpetwu relattiv ta' mija u sitta u tmenin ewro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€186.35) (LM 80.00) impost fuq 252/1, Liedna Street, Fgura fejn il-valur tal-proprjeta' fl-1 ta' Ottubru 2012, u ċioe' meta sar l-aċċess, kien ta' tnejn u sittin elf u ħames mitt ewro (**€62,500.00)**.
7. Nofs sehem indiviż (1/2) tas-subdirett dominju annwu u perpetwu u subċens annwu u perpetwu relattiv ta' mija u sitta u tmenin ewro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€186.35) (LM 80.00) impost fuq 250, Liedna Street, Fgura fejn il-valur tal-proprjeta' fl-1 ta' Ottubru 2012, u ċioe' meta sar l-aċċess, kien ta' sebgħa u sittin elf u ħames mitt ewro (**€67,500.00)**.

**B'dan illi l-ammont globali huwa ta' sitt mija u sitta u ħamsin elf ewro**

**(€656,000.00).**

- **Lista tal-proprjeta' u l-likwidazzjoni tal-proprjeta' mobbli fejn il-missier kellu s-sehem ta' nofs indiviż (1/2):**

1. Entrata – żewġ pultruni, senduq, computer unit, sitt inkwatri tal-grammastri, żewġ inkwatri imdaqsin bil-frame oħxon, sebgħa inkwatri żgħar, arloġġ tal-kampnar, żewġ hangers, heater, dehumidifier, mejda tonda, lampa.
2. Taraġ – erbgħa inkwatri kbar.
3. Setaħ – mejda tonda, gradenza, arloġġ, ħdax inkwatri żgħar, żewġ handers, mejda żgħira.
4. Kamra tas-sodda – Kurċifiss, inkwatru b'xena tal-kampanja, żewġ inkwatri żgħar ħodor, air conditioner, dehumidifier, lampa żgħira.
5. Kċina/kamra tal-ikel – mejda tonda, magna singer, vertina, TV żgħir, bomblu tal-fuħħar, freezer (ma jaħdimx), żewġ bombli kuluriti, għaxar ħdejjed tal-mogħdija żgħar, bank tal-kċina, mejda.
6. Waiting room – coffee table, mera gilded kbira u oħra żgħira, cocktail cabinet, TV Grundig, TV table, inkwatru tar-Ragħaj it-Tajjeb (ta' Ġesu'), arloġġ tal-ħajt.
7. Uffiċċju – bookcase paper shelves, tliet arloġġi, frame.
8. Kurudur fuq – żewġ imwejjed nofs tond, wallunit, żewġ bombli, erbgħa inkwatri żgħar, inkwatru mdaqqas bi frame oħxon, żewġ inkwatri bil-fjuri, inkwatru tal-papa'.
9. Kamra tas-sodda żgħira – sodda tal-wieħed, pultruna, inkwatru tad-duluri, komodina.
10. Spare bedroom – żewġ komodini, gwardarobba, tallboard, twaletta,

gradenza, sitt siġġijiet, fan, air conditioner, TV (ma jaħdimx).

11. Main bedroom – twaletta, gwardarobba, żewġ komodini, gradenza, sodda, żewġ siġġijiet, pultruna, arloġġ u važuni taċ-ċaqquff, inkwatru tal-qalb ta' Ġesu' u ta' Marija.
12. Librerija – bookshelves, mejda żgħira, pultruna, inkwatru tat-tieġ, stereo u żewġ speakers.
13. Kamra tat-tfal – żewġ sodod, gradenza, gwardarobba, żewġ siġġijiet tal-kulur abjad.
14. Sala - mejda biskuttin, TV antik, żewġ imwejjed żgħar, sottospecchio, salott tas-satin aħdar (sufan, żewġ pultruni, żewġ lady chairs), coffee table, żewġ corners, inkwatru bix-xena tal-Ispirtu s-Santu, sitt inkwatri żgħar, żewġ mirja bil-brazzi, ħames inkwatri żgħar ħafna, lampa.
15. Kamra tal-pranzu – mejda, erbgħa siġġijiet, żewġ pultruni, sideboard, tlett platti tal-injam, żewġ bozoz bil-fjuri, pittura b'xena tal-Imdina, vetrina tat-tazzi.
16. Fidda – tliet frames żgħar, frame ritratt tat-tieġ, tmien frames żgħar daqs ta' ritratt normali, cigarette case, żewġ gandlieri bi (tlett) 3 silver plated, coffee set, disa' (9) frames sliver plated, square tray disinn imtaqqab, frame tifel tal-praċett, frame koppja tat-tieġ, frame Kunċizzjoni żgħir, frame tifel tal-praċett (no. 2), silver plated tray tal-ħelu, frame tifel tal-kampanja, frame tieġ (3), żewġ oval frames.
17. Uffiċċju – tlett chests of drawers tal-ħadid u mejda.
18. Sala – żewġ imwejjed gilded, żewġ gandlieri.
19. Kamra tal-pranzu – arloġġ.

20. Fidda – inċensier.
21. Kurudur fuq – gradenza tal-komunjoni tal-akkwisti.
22. Kamra tas-sodda żgħira – skrivanija tal-komunjoni tal-akkwisti.
23. Sala – pjanu.

**B'dan illi s-sehem tal-missier jammonta għal tmintax -il elf, erbgħa mija u sebgħa u għoxrin ewro u ħamsin ċenteżmu (€18,427.50).**

Għaldaqstant, il-valur globali tal-likwidazzjoni tal-assi tal-missier jammonta għal sitt mija, erbgħa u sebgħin elf, erbgħa mija u sebgħa u għoxrin ewro u ħamsin ċenteżmu **(€674,427.50)** fejn irid ikun miżjud tat-tliet imħażen hawn fuqimsemmija.

**Tilqa' it-tieni talba attriċi** bil-mod segwenti:

- **Proprjeta' li għandha tappartjeni lill-Attriċi Marica Buttiġieġ Sciberras hija din l-imsemmija:**

**a. Fl-intier tagħhom is-segwenti proprjeta':**

1. L-iskrivanija li qiegħda fl-uffiċċju notarili tad-dar tal-abitazzjoni tal-ġenituri, u ċioe', f'numru mitejn u tmienja u erbgħin (248) bl-isem Mater Alba, Triq il-Liedna, Fgura/Raħal Ġdid;
2. Is-sub dirett dominju annwu u perpetwu u subċens annwu u perpetwu relattiv ta' tmenin lira (Lm80) impost fuq it-terran li qiegħed San Pawl il-Baħar, Triq Parades, bl-isem 'Mater Alba'.

**b. Mhux fl-intier tagħhom is-segwenti:**

1. Kwart sehem indiviż (1/4) tal-proprjeta' numru mitejn u tmienja u erbgħin (248) bl-isem Mater Alba, Triq il-Liedna, Fgura/Raħal Ġdid, flimkien mal-garaxx taħt l-istess dar tnejn (2) Triq San Mikiel, Fgura/Raħal Ġdid bil-ġnien

anness u retropost għalihom, u l-garaxx bla numru maġenb il-garaxx numru tnejn (2), fi Triq San Mikiel, Fgura/Raħal Ġdid, flimkien mal-arja taż-żewġ garaxxijiet;

2. Nofs is-sehem (1/2) tas-sub dirett dominju annwu u perpetwu u subċens annwu u perpetwu relattiv ta' tmenin lira (Lm80) impost fuq l-appartament numru wieħed (1) bl-isem 'Morning Star' li qiegħed fil-blokk ta' żewġ appartamenti, Triq il-Liedna, Fgura/Raħal Ġdid, numru mitejn u tnejn u ħamsin (252);
3. Kwart tas-sehem indiviż (1/4) tal-oġġetti kollha tad-deheb, fidda u ħaġar prezzjuż li ma jissemmiex x'imkien ieħor f'dan it-testment tal-ġenituri;
4. Nofs is-sehem indiviż (1/2) tat-tliet stores li qegħdin il-Marsa, Cross Road, li jġibu rispettivament in-numri mija u sitta u erbgħin ittra "B" (146B); mija sitta u erbgħin ittra "C" (146C); u mija u sitta u erbgħin ittra "D" (146D), eskluża l-arja tagħhom.

- **Proprjeta' li għandha tappartjeni lir-rikorrenti Noel Sciberras.**

  a. **Fl-intier tagħhom is-segwenti proprjeta':**

1. L-inkwadru kbir rappreżentanti San Ġużepp bil-Bambin u l-mejda biskuttin li l-ġenituri kellhom fis-sala tar-residenza ordinarja tagħhom li għandha l-indirizz numru mitejn u tmienja u erbgħin (248) bl-isem Mater Alba, Triq il-Liedna, Fgura/Raħal Ġdid,
2. Is-sub dirett dominju annwu u perpetwu u subċens annwu u perpetwu relattiv ta' tmenin lira (Lm80) impost fuq it-terran numru mitejn u tnejn u ħamsin (252), Triq il-Liedna, Fgura/Raħal Ġdid;

3. Polka tad-deheb bl-arloġġ;
4. Domna tal-Madonna fuq il-blu;
5. Par 'links' tad-deheb;
6. Ċurkett tal-engagement tal-irġiel bil-fossa tad-djamanti;
7. Il-mezzanin li qiegħed il-Marsa Cross Road, numru mija u sitta u erbgħin ittra "A" (146A);
8. L-arja tal-imsemmija tliet stores li qegħdin il-Marsa, Cross Road, li jġibu rispettivament in-numri mija u sitta u erbgħin ittra "B" (146B); mija sitta u erbgħin ittra "C" (146C); u mija u sitta u erbgħin ittra "D" (146D), eskluża l-arja tagħhom;
9. Il-maħżen li qiegħed Marsa Cross Road, numru mija u sebgħa u erbgħin (147);
10. Il-maħżen li qiegħed Marsa Cross Road, numru mija u tmienja u erbgħin (148);
11. Il-maħżen li qiegħed Marsa Cross Road, numru mija u disgħa u erbgħin (149);
12. Il-maħżen li qiegħed Marsa Cross Road, numru mija u ħamsin (150);
13. Il-maħżen li qiegħed Marsa Cross Road, numru mija wieħed u ħamsin (151) u mija u tnejn u ħamsin (152);
14. Il-maħżen li qiegħed Marsa Cross Road, numru mija u tlieta u ħamsin (153) u mija u erbgħa u ħamsin (154);
15. Il-maħżen li qiegħed Marsa Cross Road, numru mija ħamsa u ħamsin u mija sitta u ħamsin (155/156);
16. Il-maħżen li qiegħed Marsa Cross Road, numru mija u sebgħa u ħamsin

(157).

- **Proprjeta' li għandha tappartjeni lill-konvenuta Rosella Sciberras hija din l-imsemmija:**

  **a. Fl-intier tagħhom is-segwenti:**

1. L-istudju li l-missier, in-Nutar Joseph Sciberras kellu fid-dar ta' l-abitazzjoni tiegħu u ċioe' il-proprjeta' li għandha l-indirizz numru mitejn u tmienja u erbgħin (248) bl-isem Mater Alba, Triq il-Liedna, Fgura/Raħal Ġdid, kollox inkluż, inklużi d-dokumenti u l-kotba kollha u dak kollu li jigwarnixxi l-istess studju, flimkien mal-librerija eżistenti fl-istess studju u fil-kamra adjaċenti u l-għamara kollha u attrezzi oħra inklużi magni ta' kkupjar u magni oħra simili, esklużi r-reġistri kollha tal-atti notarili *inter vivos* u *causa mortis* li l-istess Nutar Sciberras kellu fl-imsemmi uffiċċju tiegħu;
2. L-iskrivanija li qiegħda fl-uffiċċju numru erbgħa u tletin (34), Triq Santa Teresa, Cospicua;
3. L-oġġetti kollha mobili, mobilja u kull ma jattrezza d-dar tal-abitazzjoni tal-ġenituri Mater Alba, numru mitejn u tmienja u erbgħin (248), Triq il-Liedna, Fgura/Raħal Ġdid flimkien mal-oġġetti kollha eżistenti fil-garaxx numru tnejn (2), Triq San Mikiel, Fgura/Raħal Ġdid, kollox inkluż, inklużi l-għamara, oġġetti mobili u dak kollu li jigwarnixxi l-istess dar u garaxx, ad esklużjoni tad-dokumenti notarili u ad esklużjoni tad-dokumenti u titoli rappreżentanti flus u ad esklużjoni ukoll tal-oġġetti tad-deheb u ħaġar prezzjuż;
4. Is-sub dirett dominju annwu u perpetwu u subċens annwu u perpetwu relattiv ta' tmenin lira (Lm80) impost fuq l-appartament numru tnejn (2) li

qiegħed fil-blokk ta' żewġ appartamenti, Triq il-Liedna, Fgura/Raħal Ġdid, numru mitejn u tnejn u ħamsin (252);

5. Is-sub dirett dominju annwu u perpetwu u subċens annwu u perpetwu relattiv ta' tmenin lira (Lm80) impost fuq it-terran li qiegħed San Pawl il-Baħar, Triq Parades, jismu 'Charles', numru mija u wieħed u erbgħin (141).
6. Ir-reġistri kollha tal-atti notarili *inter vivos* u *causa mortis* li l-missier, in-Nutar Sciberras kellu fl-imsemmi uffiċċju tiegħu;
7. Il-mezzanin sopran bl-arja tiegħu numru mitejn u tnejn u tletin (232) u l-garaxx sottopost għall-istess mezzanin numru mitejn u erbgħa u tletin (234), Triq is-Salini, Marsaskala.

**b. Mhux fl-intier tagħhom is-segwenti proprjeta':**

8. Nofs is-sehem (1/2) tas-sub dirett dominju annwu u perpetwu u subċens annwu u perpetwu relattiv ta' tmenin lira (Lm80) impost fuq l-appartament numru wieħed (1) bl-isem 'Morning Star' li qiegħed fil-blokk ta' żewġ appartamenti, Triq il-Liedna, Fgura/Raħal Ġdid, numru mitejn u tnejn u ħamsin (252);
9. Tlieta minn erbgħa sehem indiviż (3/4) tal-proprjeta' numru mitejn u tmienja u erbgħin (248) bl-isem Mater Alba, Triq il-Liedna, Fgura/Raħal Ġdid, flimkien mal-garaxx taħt l-istess dar tnejn (2) Triq San Mikiel, Fgura/Raħal Ġdid bil-ġnien anness u retropost għalihom u l-garaxx bla numru maġemb il-garaxx numru tnejn (2), fi Triq San Mikiel, Fgura/Raħal Ġdid, flimkien mal-arja taż-żewġ garaxxijiet;
10. Tliet kwarti tas-sehem indiviż (3/4) tal-oġġetti kollha tad-deheb, fidda u ħaġar prezzjuż li ma jissemmiex x'imkien ieħor f'dan it-testment tal-ġenituri;

11. Nofs is-sehem indiviż (1/2) tat-tliet stores li qegħdin il-Marsa, Cross Road, li jġibu rispettivament in-numri mija u sitta u erbgħin ittra "B" (146B); mija sitta u erbgħin ittra "C" (146C); u mija u sitta u erbgħin ittra "D" (146D), eskluża l-arja tagħhom.

**Tilqa' it-tielet talba tar-rikorrenti** u tordna li l-kontendenti jiġu mmessi fil-pussess tal-legati kollha imsemmija kemm jekk mobbli u kemm jekk immobbli kif spjegat fis-Sentenza.

**Tilqa' ir-raba' u l-ħames talba tar-rikorrenti** b'dan illi għandu jkun hemm il-pubblikazzjoni tal-kuntratt tal-proprjeta' li jirrifletti dak li qed jingħad f'din is-Sentenza inter alia, izda mhux biss l-immissjoni, fil-pussess tal-legati rispettivi liema kuntratt għandu jkun ippubblikat fit-3 ta' Marzu 2025, fil-11.00am fit-tieni sular tal-Qrati tal-Ġustizzja l-Belt Valletta ħdejn il-Kamra tal-Avukati. Għal dan l-iskop qed tinnomina lin-nutar Stefania Marmorato biex tippubblika dan il-kuntratt u tinnomina lill-avukat Alexander Scerri Herrera bħala deputat kuratur biex jidher għall-eventwali kontumaċi.

**Tilqa' ukoll is-sitt talba Attriċi** u tordna l-bejgħ bil-liċitazzjoni ta' l-immobbli kollha bla preġudizzju għal kull dritt ta' min mill-kontendenti għandu xi dritt reali jew personali fuqhom. Din l-ordni qed tingħata anke fir-rigward ta' dawk l-immobbli li għadhom ma ġewx stmati jew ma ġewx stabbiliti li huma komodament divisibbli, b'dan li l-Perit li jkun maħtur sabiex jagħmel il-valutazzjonijiet ta' dawn il-proprjetajiet ai fini ta' bejgħ bil-liċitazzjoni għandu wkoll jara jekk dawn il-proprjetajiet humiex komodament divissibli. Jekk fl-affermattiv u ċioe' li huma komodament diviżibbli, il-liċitazzjoni għandha tieqaf hemm u kull proċedura f'dan ir-rigward issir ineffettiva bis-saħħa ta' din is-Sentenza u l-partijiet għalhekk ikunu liberi li jimxu kif l-aħjar

jihdrilhom għad-diviżjoni materjali tal-imsemmija proprjeta' bejniethom.

**Tilqa' is-seba' u t-tmien talbiet Attriċi ta' Marica Buttiġieġ Sciberras** filwaqt illi **tastjeni milli tieħu konjizzjoni tas-seba' u t-tmien talbiet attriċi ta' Noel Sciberras stante r-rinunzja għall-istess** filwaqt li l-intimata qed tkun ikkundannata tħallas l-ammont ta' mija u ħmistax -il elf, wieħed u disgħin ewro u ħamsa u tletin ċenteżmu (**€115,091.35)** bl-imgħax ta' ħamsa fil-mija (5%) li beda b'effett mid-19 ta' Lulju 2011 sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż jitħallsu kollha mill-konvenuta, inkluż dawk ta' l-ittra uffiċċjali tal-14 ta' Marzu 2012, fejn kopja tal-imsemmija ittra tinsab a fol. 30 tal-proċess.

Wara r-rikors tal-11 ta' Novembru 2024 u b'digriet datat 13 ta' Frar 2025 il-Qorti qed tordna din il-korrezzjoni ai termini tal-Artiklu 825 (2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

> *'Wara li din il-Qorti qrat b'reqqa kemm ir-rikors u anke s-sentenza tassew jirriżulta li hemm żball fin-numru tal-fond li fil-fond li skond is-Sentenza ġie indikat bħala 252, Triq il-Liedna, Fgura/Raħal Gdid meta fil-fatt in-numru tiegħu għandu jkun 250. Il-Qorti hija tal-fehma li dan huwa żball li sabiex ikun ikkoreġut ma hemmx għalfejn ikun hemm appell fuq hekk aktar u aktar meta l-iżball jemerġi anke mill-atti (ara a' fol 67 u 71). Għalhekk sa fejn jirrigwarda n-numru ta' dan il-fond huwa minnu li hemm żball li jista' jkun ikkorreġut u għalhekk ser tilqa' it-talba.*
>
> *Kwantu jirrigwarda s-sub dirett dominju tal-fond numru 252 fi Triq il-*

*Liedna Fgura/Raħal Gdid hawn ukoll huwa l-każ li ssir korrezzjoni għax huwa żball li jemerġi mill-atti (ara a' fol 73 u 74). Għalhekk anke din it-talba ser tintlaqa' u konsegwentement għandu jitneħħa mil-lista sa fejn jirrigwarda din il-proprjeta' li għandha tkun immissa fil-pussess tan-nutar Rosella Sciberras.'*

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**